# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Frar 2018**

**Numru 3**

**Citazzjoni numru 2478/00 JZM**

**George Zammit f'ismu proprio kif ukoll ghan-nom u in tsppresentanza ta' Donnington Shipping Limited**

**v.**

**Angelic Mifsud u martu Monica Mifsud u Jesmond Mifsud u martu Nathalie Mifsud**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-attur George Zammit f'ismu *proprio* kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Donnington Shipping Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Mejju 2013, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tirrevoka s-sentenza

appellata, tiċħad l-eċċezzjonjiet tal-konvenuti appellati, u tilqa' t-talba tiegħu. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**I. <u>Preliminari</u>**

"Rat ic-citazzjoni prezentata fl-<u>20 ta` Novembru 2000</u> li taqra hekk –

"*Peress illi l-attur proprio et nomine sellef lill-konvenuti Angelic Mifsud u Jesmond Mifsud is-somma ta` hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (GBP 85,000) ekwivalenti ghas-somma ta` hamsa u hamsin elf seba` mija u sitta u disghin Lira Maltija (Lm55,796) meta mahduma bir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta` Malta tad-9 ta` Novembru 2000 fejn Lira Maltija (Lm1) hija ekwivalenti ghal wiehed punt hamsa tnejn tlieta erbgha (1.5234), jew l-ekwivalenti ta` hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (GBP85,000) mahduma bir-rata tal-kambju ta` meta jsir il-hlas skond kif jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti. Din is-somma ta` flus kienet giet mislufa mill-attur proprio et nomine lill-konvenuti, fl-14 ta` Ottubru 1997, kif jirrizulta wkoll mill-annessa dokumentazzjoni bankarja hawn annessa bhala Dok. "A" u Dok. "B".*

"*U peress illi l-konvenuti Angelic Mifsud u Jesmond Mifsud huma mizzewgin lil Monica Mifsud u Nathalie Mifsud, rispettivament.*

"*U peress illi l-konvenuti kellhom ihallsu s-somma lilhom avvanzata lura lill-attur proprio et nomine fi zmien qasir, izda baqghu qatt ma hallsu lura din is-somma.*

"*U peress illi l-konvenuti kienu gabu diversi ragunijiet ghaliex baqghu moruzi, kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi bhala Doks. "C", "D" u "E", izda xorta baqghu inadempjenti, ghalkemm gew interpellati anke ufficjalment.*

"*U peress illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

"*Jghidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

"*1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur proprio et nomine, jew min minnhom, is-somma minnhom dovuta ta` hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (GBP85,000) ekwivalenti ghas-somma ta` hamsa u hamsin elf, seba` mija u sitta u disghin Lira Maltija (Lm55,796) meta mahduma bir-rata tal-kambju majruga mill-Bank Centrali ta` Malta tad-9 ta` Novembru 2000 fejn Lira Maltija (Lm1) hija ekwivalenti ghal wiehed punt hamsa tnejn tlieta erbgha (1.5234), jew l-ekwivalneti ta`*

*hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (GBP85,000) mahduma bir-rata tal-kambju ta` meta jsir il-hlas skond kif jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti. Liema somma tirrapprezenta self maghmul mill-attur proprio et nomine lill-konvenuti, fl-14 ta` Ottubru 1997.*

"*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta` Mejju 2000 u tal-mandati ta` sekwestru, qbid u inibizzjoni li qed jigu pprezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mill-14 ta` Ottubru 1997 sal-pagament definittiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur proprio et nomine, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

"Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet prezentata fit-<u>12 ta` Frar 2001</u> li taqra hekk –

"*Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez kontra l-attur il-ghaliex :*

"*a. Qatt ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u ghalhekk l-eccipjenti m`humiex legittimi kontraditturi f`din l-istanza ;*

"*b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti Monica Mifsud u Nathalie Mifsud, li lanqas biss ma jafu lill-attur, qatt ma taw u qatt ma gew mitluba biex jaghtu l-kunsens taghhom ghall-allegat self ;*

"*c. Illi l-eccipjenti proprio qatt ma kellhom l-ebda relazzjonijiet mal-attur, kien hemm relazzjonijiet biss bejn l-attur u s-socjetajiet kummercjali minnu rappresentati, u cioe` Ocean Way Limited u Donington Shipping Limited u s-socjeta` kummercjali Power Centre (Malta) Limited, illum Zachrome Limited, li taghha l-eccipjenti Angelic u Jesmond Mifsud huma diretturi ;*

"*d. Illi l-eccipjenti m`humiex debituri tal-attur u/jew ta` xi socjeta` minnu rapprezentata u m`ghandhom jaghtuh xejn;*

"*e. Illi s-socjeta` Zachrome Limited, gja Power Centre (Malta) Limited mhix debitrici tal-attur u/jew ta` xi socjeta` minnu rapprezentata u m`ghandha taghtih xejn.*

"*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

"Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur u d-dokumenti li kienu annessi (fol 24 sa fol 46).

"Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Bart Attard (fol 46 sa fol 49).

“Rat in-nota b`dokumenti prezentati mill-attur fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2001 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 52 sa fol 55).

“Rat iz-zewg affidavits tal-konvenut Jesmond Mifsud (minn fol 68 sa fol 70 u minn fol 158 sa fol 161).

“Rat iz-zewg affidavits tal-konvenut Angelic Mifsud (minn fol 72 sa fol 83 u minn fol 150 sa fol 156).

“Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Bart Attard (fol 88 u fol 89) fl-udjenza tal-11 ta` Gunju 2003 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet ta` attur in kontroezami (minn fol 91 sa fol 98, minn fol 112 sa fol 116, minn fol 118 sa fol 120 u minn fol 126 sa fol 147) fl-udjenzi tal-10 ta` Ottubru 2003, tas-26 ta` Jannar 2004, tal-5 ta` April 2004 u tas-17 ta` Jannar 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat it-traskrizzjoni ta` *taped telephone conversation* bejn l-attur u James Boulton (fol 102 sa fol 111).

“Rat in-nota b`dokumenti prezentati mill-attur fl-udjenza tas-17 ta` Gunju 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 163 sa fol 165).

“Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet tal-konvenut Angelic Mifsud in kontroezami (minn fol 166 sa fol 174, minn fol 231 sa fol 247, minn fol 370 sa fol 379 u minn fol 400 sa fol 401) fl-udjenzi tas-17 ta` Gunju 2005, tal-24 ta` Ottubru 2005, tas-6 ta` Novembru 2006 u tas-17 ta` Jannar 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, kif ukoll id-dokumenti li kienu esebiti fl-udjenza tal-ahhar (fol 77 sa fol 110).

“Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Barry Watts minn Barclays Bank plc (minn fol 253 sa fol 257) fl-udjenza tas-7 ta` Dicembru 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat in-nota tal-konvenuti b`serje ta` tmien domandi (fol 258) u n-nota tal-attur b`serje ta` ghaxar domandi biex iwegibhom rapprezentant ta` Barclays Bank plc.

“Rat in-nota guramentata ta` Barry Watts, CEO ta` Barclays Bank plc – Representative Office – Malta (fol 364 sa fol 366).

“Rat iz-zewg noti b`dokumenti li pprezenta l-attur fid-19 ta` Frar 2007 (fol 402 sa fol 433) u fil-25 ta` Gunju 2007 (fol 440 u fol 441).

“Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-konvenut Angelic Mifsud (fol 444 sa fol 446) fl-udjenza tal-25 ta` Jannar 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-attur fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2008 u rat id-dokumenti li pprezenta fl-istess udjenza (fol 454 sa fol 472).

“Rat it-traskrizzjoni tal-kontroezami tal-konvenut Jesmond Mifsud (fol 478 sa fol 488) fl-udjenza tas-26 ta` Jannar 2009 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-attur fl-udjenzi tas-16 ta` Marzu 2009 (fol 490 sa fol 511), tal-21 ta` Mejju 2009 (fol 522 sa fol 538), tas-6 ta` Ottubru 2009 (fol 540 sa fol 559), tat-23 ta` Novembru 2009 (fol 566 sa fol 572) u tal-25 ta` Frar 2010 (fol 591 sa fol 602) u rat id-dokumenti li kienu esebiti waqt dawn l-udjenzi.

“Semghet ix-xiehda ta` Philip John Wardrop (fol 620 sa fol 629) fl-udjenza tas-27 ta` Mejju 2010 u rat id-dokumenti li pprezenta x-xhud (fol 603 sa fol 627).

“Rat in-nota tal-konvenut Jesmond Mifsud bix-xiehda bl-affidavit u b`dokumenti li kienu hemm annessi (fol 630 sa fol 667).

“Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` l-konvenut Jesmond Mifsud fl-udjenzi tat-22 ta` Novembru 2010 (fol 670 sa fol 693) u tal-15 ta` Frar 2011 (fol 695 sa fol 700).

“Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet (fol 706 sa fol 739).

“Rat id-digriet taghha tal-31 ta` Ottubru 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

“Rat l-atti tal-kawza.

“**Ikkunsidrat :**

“**II. <u>Generali</u>**

“Kopjuzi u komplessi kienu l-provi (inkluz dokumenti) li tressqu fil-kawza tal-lum. L-attur pro et noe qieghed jirreklama minghand il-konvenuti de proprio rifuzjoni tal-ammont ta` GBP 85,000 li jallega illi silifhom. Min-naha taghhom, il-konvenuti qeghdin jirrespingu l-pretensjoni attrici billi jghidu fl-ewwel lok illi huma qatt ma ttrattaw de proprio mal-attur pro et noe, fit-tieni lok illi huma ma humiex debituri tal-attur pro et noe, fit-tielet lok illi kull kuntatt mal-attur noe sar mill-kumpannija Power Centre (Malta) Limited illum Zachrome Limited u fir-raba` lok illi Power Centre (Malta) Limited illum Zachrome Limited mhijiex debitrici tal-attur pro et noe. Hekk kienu delineati l-binarji tal-

kawza u dak huwa li din il-Qorti sejra tiddeciedi billi taghmel riferenza ghal dawk mill-provi li jinvestu l-mertu tal-kwistjoni.

“**Ikkunsidrat :**

“**III. <u>Sintesi tal-provi</u>**

“**<u>L-attur</u>** xehed illi huwa direttur tas-socjeta` Donnington Shipping Company Limited, li hija kumpannija li tixtri u tmexxi bastimenti. Sar jaf il-konvenuti fl-1995 meta ordna minghandhom bridge equipment komplut ta` vapur. Fis-7 ta` Ottobru 1997, il-konvenuti talbuh jislifhom xi flus ghaliex kellhom bzonnhom billi kienu se jiksbu xi kuntratt kbir. Huma kienu weghduh li jhallsuh lura f`temp ta` gimgha. Silifhom Lm25,000. Tahom cheque ghal dak l-ammont u huma tawh *post-dated cheque* ghall-istess ammont. Ic-cheque tal-konvenuti ssarraf. Fil-14 ta` Ottobru 1997, l-konvenuti rega` kellmuh u wrewh kopja ta` kuntratt li kien jghid li l-konvenuti kienu kisbu kuntratt ghal US$7,000,000 ghall-konsenja ta` satellite equipment fil-Libja. Il-konvenuti qalulu li kellhom bzonn aktar ghajnuna finanzjarja biex jiffinalizzaw il-kuntratt u li malli jsir hekk ihallsuh lura. Il-konvenuti kienu semmew il-figura ta` £170,000. Billi s-somma kienet gholja, l-attur kellem lil habib tieghu Bart Attard ta` Panta Lesco Limited, li kellu esperjenza kbira dwar kuntratti fil-Libja. Il-konvenut Angelic Mifsud mar mieghu ghand Bart Attard. Ha mieghu kopja ta` tender form, li kienet tinkludi riferenza ghal satellite equipment. Il-konvenut qalilhom li kien ghadu kif wasal lura mill-Ingilterra fejn kien ltaqa` ma` cittadin Amerikan jismu John Boulton, avukat Libjan jismu Idris Baba u avukat Ingliz, certu Smith. Il-konvenut qalilhom li kellu kopja wahda biss tat-tender u li ghalhekk kien se jaghtihom kopja aktar `il quddiem. Kien kategoriku li huma kienu rnexxilhom jiehdu l-kuntratt u li l-kuntratt kien diga taghhom. Il-konvenut kompla jghid illi biex hadu l-kuntratt kienu diga thallsu xi flus lil dawk il-barranin li kienu weghduhom il-kuntratt. Dawk il-barranin kienu qalulhom li jekk javvanzaw is-somma ta` £170,000, il-kuntratt ikun taghhom fiz-zgur. Il-konvenut talab ghalhekk nofs il-£170,000 lil Bart Attard u nofs l-iehor lilu. U kompla illi ladarba l-qliegh taghhom mill-kuntratt kien se jkun ta` US$ 3,000,000, wara ftit gimghat kienu se jibdew idahhlu l-flus u ghalhekk ihallsuhom lura. Ix-xhud jghid ukoll li l-konvenut kien weghdhom li minbarra l-ammont li kienu se jsellfuh, kien se jaghtihom US$ 1,000,000 – nofs kull wiehed.

“**<u>L-attur</u>** kompla jfisser illi kemm hu kif ukoll Bart Attard fdaw lill-konvenuti u ghalhekk sellfuhom £85,000 kull wiehed. Angelic Mifsud tahom id-dettalji tal-bank u n-numru tal-kont fejn kellhom jigu trasferiti l-flus (ara Dok GZ4 u GZ5). Wara li ghaddew xi tlett ijiem, il-konvenut rega` talab ghal aktar flus. Ghalhekk Bart Attard iddecieda li jaghmel ricerka dwar l-avukat Libjan Idris Baba. Irrizultalu li l-Ambaxxata Libjana ma kienux jafu bih. Irricerka wkoll dwar l-Amerikan Boulton. Lanqas hu ma kien maghruf mill-Ambaxxjata Amerikana. Hu u Bart Attard intebhu li l-affarijiet ma kienux qeghdin sewwa u talbu lill-konvenuti biex jaghtuhom il-flus lura. Il-konvenuti qalulhom illi skond il-

barranin sabiex jiehdu l-flus lura, kellhom jithallsu xi *charges*. Ghadda z-zmien u l-flus ma gewx lura. Xi zmien wara, Angelic Mifsud kien fl-ufficcju tal-attur u minn hemm saret telefonata barra minn Malta. Huwa rregistra dik it-telefonata. Il-persuna fuq in-naha l-ohra tal-linja qalet li kienu se jibghatu l-flus lura wara li jitnaqqsu xi spejjez. Ir-registrazzjoni tat-telefonata nzammet mill-konvenut Angelic Mifsud. Xi zmien wara, Angelic Mifsud qalilhom li l-Amerikan kien ghaddielhom l-flus lura, izda li kien hemm problema ta` exchange control. Qalilhom li l-flus kienu ghaddew fil-kont taz-zija tieghu, li kellha negozju l-Ingilterra u li din kellha tghaddilhom il-flus. Gara pero` li l-flus baqghu ma waslux.

"**<u>L-attur</u>** kompla jixhed illi darba minnhom kienu gew Malta Idris Baba u Boulton u ghalkemm hu ried jiltaqa` maghhom, dan ma garax. Il-konvenut kien gab dokument fejn kien hemm miktub s-self li kienu ghamlu hu u Bart Attard ta` £85,000 kull wiehed (Dok.GZ 3). Fil-bidu tas-sena 2000, il-konvenut kien qalilhom li minflok flus kien se jixtri *satellite communications equipment* u li kien se jhallashom lura mill-bejgh ta` dak l-equipment. Wara ftit zmien, il-konvenut rega avvicina lill-attur u talbu Lm8,750 ghaliex ma kellux bizzejjed flus biex ihallas il-freight. L-attur tah il-flus. Ghal dak is-self, il-konvenut kien tah *post dated cheque* li pero` ma ssarrafx. Ic-*cheque* kien gie sostitwit b`zewg kambjali – Dok.GZ 9. In segwitu, il-konvenut kien rega talab lill-attur is-somma ta` Lm2,496 ghal landing charges u l-attur kien tah cheque ghal dak l-ammont – Dok GZ10. Il-konvenut tah *cheque* ghal dak l-ammont, izda baqa` ma ssarrafx. Wara li ghadda aktar zmien, il-hlas baqa` ma sarx u saret il-kawza. L-attur sostna li n-negozjati kollha saru mal-konvenuti f`isimhom u li qatt ma qalu li kienu qeghdin jinnegozjaw ghan-nom ta` Power Centre Limited.

"Fil-**<u>kontroezami</u>**, l-attur xehed illi huwa kien ilu fin-negozju sa mill-1960. Sar jaf lill-konvenuti bejn fl-1994 / 1995. Lil Angelic Mifsud sar jafu ghaliex kien jahdem ghas-socjeta` tieghu Mira Shipping. Ikkonferma li l-ewwel darba li silifhom flus kien fis-7 ta` Ottobru 1997. Silifhom Lm25,000. Wara kkorega ruhu u qal li l-figura kienet Lm24,500. Is-self thallas lura fl-14 ta` Ottubru 1997. Dwar il-kuntratt tal-Libja, Angelic Mifsud kien qallu li fuq dak il-kuntratt kellhom ihallsu depozitu u li kellhom jiltaqghu l-Ingilterra ma` xi nies ohra go bank. Mifsud qallu li kien diga` hallas hafna flus u li kien jonqsu madwar Lm100,000. Lil Mifsud qallu li ma setax jghinu bil-flus hu wahdu. L-originali tad-dokumenti esebiti a fol.6 kienu qeghdin ghandu u kien se jesebihom. Ikkonferma li waqt il-laqgha ma` Bart Attard, Angelic Mifsud kien qed jitkellem ghan-nom ta` huh Jemond ukoll.

"**<u>L-attur</u>** ikkonferma li d-dati li accenna ghalihom hu kienu korretti. Meta l-konvenuti wrewh il-kuntratt tat-tender kien qieghed ma` Attard, u ghalkemm kellhom jaghtuh kopja ta` dak il-kuntratt dan qatt ma gara. Ix-xhud ipprezenta recording ta` sentejn shah telefonati. Ir-recording tat-telefonata ma` Boulton kienet f`idejn Mifsud. Hu qatt ma ltaqa` jew tkellem ma` dan Boulton. Muri d-dokument a fol. 6, ix-xhud

spjega illi dak huwa kont tieghu fejn kien hemm muri il-post fejn intbaghtu l-flus skond l-indirizz li tah Angelic Mifsud. Muri d-dokument a fol. 32 u 33, ix-xhud fisser illi dik hija ittra li kien baghat l-avukat taz-zija ta` Mifsud, li kienet toqghod l-Ingilterra, u li kellha tircievi l-flus. Mistoqsi ghaliex dam biex jipprezenta c-citazzjoni, l-attur qal li huwa dam sentejn ghaliex baqa` jigri warajhom, kienu iweghduh numru ta` affarijiet u li kien jipprova jehodhom bil-kalma. Id-diskors sar ma` Angelic Mifsud u anke ma` missierhom u ommhom.

"**L-attur** kompla jixhed illi l-kambjali kienu saru ghaliex ic-cheque ghal Lm9,000 ma kienx issarraf. Il-kambjali kienu ffirmati minn Angelic Mifsud. Muri l-kambjali a fol. 40, l-attur fisser illi kien hemm zewg firem, wahda ta` Angelic u l-ohra probabilment ta` huh. Kien talab lill-pulizija sabiex jiehdu passi kriminali kontra l-ahwa Mifsud. U fil-fatt hekk sar. Il-kaz kien ghadu pendenti. Fuq il-kambjali ma kienx hemm l-isem ta` hu Angelic. Mistoqsi jekk kienx jaf illi Power Centre Limited kienet spiccat it-trading licence taghha, ix-xhud wiegeb illi ma kienx jaf b`dak izda kien jaf li l-konvenuti kellhom ibieghu l-kumpannija. Mistoqsi jekk fid-dokumenti esebiti a fol. 31 u 35,kienux jidhru l-ismijiet tal-konvenuti jew l-isem tas-socjeta` tal-konvenuti, ix-xhud wiegeb li ma kienux jidhru. Mistoqsi jekk kienx baghat ittra f`isem Ocean Way Company Limited lill-konvenuti sabiex ihallsu £85,000 fit-22 ta` Awwissu 2000, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv (ara Dok.GZ 13 fol.44). Muri ittra precedenti datata Mejju 2000, (Dok. GZ12) u cioe` jekk kienx baghat l-ittra f`ismu personali, ix-xhud ikkonferma. Mistoqsi jekk fil-fatt kienx hu li cempel lil Boulton u mhux Angelic Mifsud, ix-xhud ikkonferma li la qatt kellem u lanqas qatt iltaqa` ma` Boulton. Mistoqsi dwar id-diskors li hemm recorded fejn jinghad – *we spoke about a week ago I think, its about this last transaction, maybe we can finalize it*, ix-xhud irrisponda li ma kienx jiftakar dak id-diskors. Moqrija lilu diversi partijiet ta` t-transcript tal-konversazzjoni li x-xhud kellu ma` Boulton bi telephone, ix-xhud wiegeb illi ma jiftakarx.

"**L-attur** imbaghad ipprezenta Dok. GZ1 sa Dok. GZ 12. Skond ix-xhud, dawk kienu dokumenti originali. Dwar Dok. GZ 2, ighid li dak huwa l-original ta` fax li rcieva minghand Angelic Mifsud. Cahad illi kien hu li baghat dak id-dokument lil Mifsud. Skond l-attur, id-dokument *speaks for itself.* Mistoqsi jekk qattx ghadda flus fin-numru tal-kont ta` Angelic Mifsud, l-attur xehed illi ma jiftakrax. Lanqas ma ftakar jekk in-numru tal-kont li jidher fuq Dok. GZ 3 kienx ta` Mifsud inkella le. Mistoqsi jikkonferma illi l-firma li *A. Mifsud* ma kenitx ta` Angelic Mifsud, ix-xhud wiegeb illi ma kellux idea. Dwar Dok. GZ 4, xehed illi dak id-dokument tah lilu *by hand* Angelic Mifsud. Mistoqsi jekk qattx ittratta mad-diretturi ta` Clutterbuck Marine, xehed illi ma jiftakarx. F`deposizzjoni precedenti, kien xehed illi kien kellhimhom. Mistoqsi jiftakarx il-firma fuq Dok. GZ9 fis-sens illi fil-proceduri kriminali, wara li kien mahtur espert kalligrafu, kien stabbilit illi l-firma ma kenitx ta` Mifsud, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx.

“Fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2009, il-Qorti semghet it-tape tal-konversazzjoni bejn Zammit u Boulton.

“**L-attur** ikkonferma illi dik il-konversazzjoni kienet bejnu u Boulton, ghalkemm kompla jsostni li lil dan Boulton ma kienx jafu. Ghalkemm fit-telefonata kien hemm referenza ghal telefonata precedenti, ix-xhud cahad li qatt kellem lil Boulton qabel. Mistoqsi mill-qorti jixhed dwar it-telefonata ta` qabel, l-attur wiegeb illi ma kienx jaf ma min tkellem ghalkemm il-persuna l-ohra fuq il-linja qaltlu li huwa Boulton. Dwar din t-telefonata, ighid – *Dik it-telefonata trid tohodha fil-kuntest taghha. Qieghed titkellem ma` xi hadd li ma tafux, qieghed titkellem ma` brikkun iehor li int qed tipprova tmurlu daqsxejn ghal ghajnu.* Mistoqsi dwar dak li nghad illi kien sar hafna homework qabel il-kuntratt kien finallizzat, ix-xhud iikkumenta li dak kien paroli fil-vojt. Ghalkemm ftakarx id-data tat-telefonata, sostna li l-flus kienu diga` ghaddew. Mistoqsi kif qabel ma sellef il-flus ma nvestigax in-negozju li kien se jsir, ix-xhud wiegeb illi tant kienu mghagglin l-affarijiet *li dahhalna fl-ixkora u qbadna u tajnieh il-flus.* Mistoqsi jekk it-US$ 300,000 li hemm referenza ghalihom fit-telefonata humiex dawk li jidhru f`Dok. GZ 6, ix-xhud ighid li dak li jidher f`Dok. GZ 6 huma l-flus li baghtu lill-bank. It-US$ 300,000 tat-telefonata mhumiex l-istess bhal tad-Dok. GZ 6. Mistoqsi jghid jekk US$ 138,000 u l-£85,000 kienux l-istess, ix-xhud cahad u jghid li ma jafx x`inhuma. Mistoqsi jekk fil-fatt kienx ipprova jirragira lil Boulton, ikkonferma li hekk hu izda ma rnexxilux.

“Meta kompla jixhed fl-udjenza tat-23 ta` Novembru 2009, u kien mistoqsi ghaliex ghamel kawza kontra Mifsud meta l-flus ntbaghtu lil Boulton l-Ingilterra, ix-xhud wiegeb illi huwa kien jaf lil Mifsud u l-flus sellifhom lilu. Ma tax il-flus direttament lil Mifsud ghaliex Mifsud kien qallu fejn jibaghthom u hekk ghamel Mistoqsi dwar t-tieni ammont li jissemma` fit-telefonata li kellhom jintbaghtu, jghid li qatt ma ntbaghtu. Mistoqsi mill-qorti jekk il-konvenuti kienux fehmu li kienu qeghdin jikkontrattaw ma` Zammit personalment jew mal-kumpannija, jghid li jahseb personalment ghalkemm huwa kkorrisponda bhala kumpannija. Mistoqsi ghaliex fetah il-kawza bhala Donnington Shipping Limited, jghid li kien hareg il-flus minn dik il-kumpannija ghaliex dawk iz-zminijiet ladarba din kienet shipping company ma kellhiex bzonn permess tal-Bank Centrali sabiex tibaghat il-flus barra. Muri c-cheque tal-15 ta` Jannar 1998, ghalkemm hemm fuqu li *the only image found with the amount cashed on the 21st of January 1998* ghal ammont ta` Lm8,750, ighid illi dak huwa zball u li qatt ma thallas lura dak l-ammont. Mistoqsi jekk jafx li Bart Attard kien baghat l-flus l-Ingilterra qablu, jghid li ma kellux idea. Mistoqsi jekk jirrizultax li huwa baghat il-flus l-Ingilterra qabel ma ddepozita c-cheque ta` Lm25,000 l-attur wiegeb fl-affermattiv, u cioe` jum qabel.

“Bartolomeo Attard, maghruf ukoll bhala **Bart Attard** xehed illi f`Ottobru 1997, kien mar ghandu l-attur u qallu dwar l-konvenut Angelic Mifsud li kellu xi negozju konsistenti f`kuntratt il-Libja. Wara xi jumejn l-attur mar l-ufficju tieghu flimkien ma` dan Mifsud li kien

uriehom tender form li dehret dettaljata hafna u li kienet tinkludi satellite equipment. Mifsud qalilhom li kien ghadu kif gie lura mill-Ingilterra fejn kien iltaqa` ma tlett persuni, wiehed Amerikan, wiehed Libjan jismu Idris Baba u avukat Ingliz Smith. Mifsud kompla jghidilhom li flimkien ma huh kien irnexxilhom jiehdu t-tender u li l-kuntratt kien diga taghhom. Il-valur tal-kuntratt kien ta` US$7,000,000. Il-qliegh minnu kien se jkun ta` madwar US$3,000,000. Qal illi kien wieghed xi flus lill-barranin u ghalhekk kellu bzonn aktar flus. Talab £80,000) lilu u £80,000 lill-attur. Mifsud weghdhom li kien se jaghtihom US$1,000,000 biex jaqsmu bejniethom. Billi Mifsud kien jidher genwin, u kien jafda lill-attur hafna, iddecieda li jsellef il-flus lil Mifsud. Wara din il-laqgha kien cempillu l-attur u qallu li minflok £80,000 kellhom jittrasferixxu £85,000 ghaliex qal li kien cempillu Mifsud u qallu li kellu bzonn £10,000. Huma accettaw. Wara li Mifsud tahom id-dettalji tal-kont u tal-bank fejn kellhom imorru l-flus, sar it-transfer tal-flus. Attard kompla jixhed illi wara ftit granet Mifsud talabhom iktar flus. Ix-xhud ma bediex jafda. Staqsa lil xi hbieb fl-Ambaxxata Libjana li qalulu li ma kien jafu b`ebda avukat jismu Idris Baba. L-istess ghamel mal-Ambaxxjata Amerikana dwar Boulton u kellu l-istess risposta. Wara li ndunaw li l-affarijiet ma kienux sew, talbu l-flus lura. Wara li l-attur mar il-hanut tal-konvenuti, dawk qalulu li ma kienx hemm problema u li kienu se jghidu lil Amerikan sabiex jirritorna l-flus.

"**Il-konvenut Jesmond Mifsud** xehed illi kien ilu jaf lill-attur mill-1985, ghaliex dak iz-zmien kien impjegat mal-kumpannija tieghu Mira Shipping Line Limited fuq il-bastiment *Al Hussein.* Illum il-professjoni tieghu hija ta` pilota impjegat mal-Awtorita tal-Portijiet. Xehed illi mhuwiex negozjant u li qatt personalment qatt ma ghamel negozju ma` hadd. Hu u huh Angelic kienu shab fis-socjeta` Fleet Marine Electronics Limited, li wara biddlet isimha ghal Power Centre (Malta) Limited u llum saret Zachrome Limited. Qatt ma ghamel negozju mal-attur – la fil-kwalita tieghu personali tieghu u lanqas ma` xi kumpannija li ghandu l-attur. Kull negozju li qatt sar mal-attur kien ma` Fleet Marine Electronics Limited. In-negozju kien kondott minn huh Angelic.

"Xehed illi fl-1997 kienu nteressaw ruhhom f`bicca xoghol kbira li kienet tirrigwarda konsenja kbira ta` apparat marittimu, li kienet tikkomprendi Satellite Equipment u apparat iehor, destinat ghal-Libja. Meta rcevew il-*bill of quantities*, din kienet minghajr prezzijiet, u wara li kienu ghamlu indagini, indunaw li l-materjal in kwistjoni kien jaqa` jew seta jaqa` taht l-embargo jew sanzjonijiet li kienu mposti mill-Gnus Maghquda kontra l-Libja. Dan kien ikun sogru kbir wisq u allura abbandunaw il-progett. L-attur sar jaf b`dan in-negozju, ghaliex kienu nfurmawh li setghu joffrulu materjal li ried hu ghal prezz skontat hafna. Kieku kellha tintrebah l-offerta, talabhom biex ikompli n-negozju wahdu, kif fil-fatt ghamel. Billi jidher li l-attur mar zmerc, ipprova jirkupra dak li allegatament tilef.

"Ix-xhud cahad li fis-7 ta` Ottobru 1997, kien avvicina lill-attur flimkien ma` huh sabiex jissellfu flus minghandu. Cahad ukoll li fil-14 ta` Ottobru 1997, kien rega avvicinah u kien wera lill-attur kopja ta` kuntratt u li kien talbu aktar flus. Jiftakar li s-socjeta` tieghu u ta` huh kienet ghamlet hafna xoghol fuq vapuri fuq ordni tal-attur, dan jew ghalih stess jew ghall-klijenti tieghu. Dan ix-xoghol kien jigi miftiehem direttament ma` huh Angelic. Ix-xhud jghid li huh kien jghidlu li l-attur kellu hafna kuntatti fil-kamp marittimu u li kellu hafna flus mohbija gewwa Jersey. Cahad li l-attur kien mar il-hanut taghhom Bir-id-Deheb u li kien talbu ghal xi flus lura. Jghid li qatt ma kellem lill-attur wara l-1985 u li qatt ma talbu biex iroddlu lura xi flus. Ikompli li kemm hu u kemm il-mara qatt ma awtorizzaw lil huh biex jitkellem ghalihom, qatt ma tawh xi prokura verbali jew bil-miktub. Jghid li huwa qatt ma kellem lil Bart Attard. Sar jaf min hu meta baghtet ghalih l-Spt. Alexandra Farrugia Mamo d-Depot. Attard kien stqarr maghha li mhux biss ma kienx jafu, izda li qatt ma ltaqa` mieghu jew u qatt innegozja mieghu. Sostna li Zachrome Limited gia` Power Centre (Malta) Limited gia` Fleet Marine Electronics Limited mhix debitrici tal-attur jew ta` xi socjeta` tieghu u qatt ma ssellfet flus minghandhom.

"Ix-xhudipprezenta statement tal-Mid Med Bank tal-kont li kellha Power Centre (Malta) Limited (fol 160) biex jipprova illi bil-maqlub ta` dak illi xehed l-attur, dik is-socjeta` qatt ma kellha problemi finanzjari.

"Fil-**kontroezami**, Jesmond Mifsud ikkonferma illi Clutterbuck Marine hija kumpannija li gieli xtraw xoghol elettroniku minghandha. Id-dokumenti a fol 39 rahom l-ewwel darba meta gew prezentati l-Qorti. Ix-xoghol hemm indikat qatt ma kien ordnat minn din il-kumpannija. Fl-1997, kienu ordnaw xi xoghol minn din il-kumpannija, l-istess kif kien jaghmel anke l-attur, u li l-ordnijiet taghhom kienu jkunu ta` £10,000 massimu. Mistoqsi dwar il-bill of quantities bla prezzijiet, xehed illi ma jiftakarx u li qatt ma ra d-dokument. Huwa semma dak li qallu huh. Mistoqsi jekk huh setax igib xi xoghol barra mill-kumpannija Power Centre, wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi kif jaf li l-attur kompla n-negozju f`ismu, jghid li huwa hekk jahseb li gara ghaliex l-attur harrku ghal flus *li lanqas biss naf bihom jien.* Mistoqsi jekk kienx prezenti ghat-telefonata li kien hemm bejn l-attur u Boulton, ix-xhud wiegeb illi ma kienx prezenti. Mistoqsi jekk il-bank statement li pprezenta kienx l-uniku kont, ix-xhud wiegeb li dak kien l-uniku kont ta` Power Centre. Mistoqsi jispjega x`kien in-negozju li l-attur kellu jkompli wahdu, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Mistoqsi jekk huh kienx jaf x`kien dan n-negozju, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-qorti jekk jafx bin-negozji li xehdu dwarhom l-attur u Attard, ix-xhud wiegeb li assolutament ma jafx bihom.

"**Il-konvenut Angelic Mifsud** xehed illi x-xoghol tieghu huwa pitkal tal-hut. Kien ilu jaf lill-attur mill-1993 ghaliex l-attur kien inkariga lis-socjeta` tieghu ta` dak iz-zmien Fleet Marine Electronics Ltd biex tistalla apparat elettroniku fuq xi lanec (Dok AM1). Kemm hu personalment u kif ukoll is-socjeta` minnu rapprezentata qatt ma kienu

debituri tal-attur jew tas-socjeta` tieghu. Fil-fatt kienet is-socjeta` attrici debitrici taghhom. Ikkonferma l-verzjoni ta` huh Jesmond dwar kif graw il-fatti. Zied jistqarr illi l-attur kienu urihom aktar minn darba li ried jidhol shab maghhom fin-negozju. Kien jiftahar li kien jaf hafna nies influwenti f`Malta. Dwar l-inkontru li sar fl-ufficcju ta` Bart Attard, Angelic Mifsud xehed illi kien l-attur li qallu biex imur mieghu biex jara xi xoghol konness mal-bahar. Fil-laqgha qatt ma sar kliem dwar self ta` flus. Dwar l-Lm25,000 li semma l-attur, dik fil-fatt kienet Lm24,500. Dwar il-kuntratt tas-US$7,000,000, huwa cahad kategorikament li qatt ma offra jew rebah kuntratt ta` dak it-tip. Cahad illi ta xi numru ta` kont lill-attur. Kien fil-kawza illi ra ghall-ewwel darba d-dokumenti GZ4 u GZ5. Dan ix-xhud jikkontesta kull bran tal-affidavit tal-attur. Ipprezenta wkoll ir-*recording* tat-telefonata bejn l-attur u Boulton (fol 102). Dwar it-*transcript* tat-telefonata bejn l-attur u Boulton, ighid illi t-transcript turi li fir-realta` l-attur kien jaf lil Boulton. Ipprezenta kopja ta` cheque ghal Lm8750 datat 15 ta` Jannar 1998 (fol 156). L-attur xehed illi dak ic-cheque kien *referred to drawer.* Fil-verita` ic-*cheque* issarraf fl-20 ta` Jannar 2008.

“Fil-**kontro-ezami**, Angelic Mifsud jikkonferma li kien hemm zmien meta kellu negozju mal-attur u li kien issellef minghandu, izda hallsu lura. Qatt ma ssellef f`ismu personali izda dejjem fuq in-negozju. Darba kien issellef Lm24,000 u hallsu lura b`*post dated cheque* li ssarraf gimghatejn wara. Ghalkemm il-kumpannija tieghu kienet bidlet l-isem, il-VAT number, il-company registration number u d-diretturi baqghu dejjem l-istess. Xehed illi l-ewwel darba li ra t-tender kien meta kien il-boatshow l-Ingilterra fil-1996, izda ma kienux baqghu interessati. Huwa kien ltaqa` ma` Boulton fil-boatshow l-Ingilterra. Dan kien jahdem fil-qasam marittimu u kien interessat li jixtri minn Malta ghal-Libja. Mistoqsi dwar Dok GZ7 u GZ8, dejn li kellu ma` Clutterbuck Marine Ltd. ta` Lm785,000,700, huwa xehed li dak id-dejn kien thallas. Id-dokumenti ma ghandhomx x`jaqsmu mal-kawza. Ipprezenta l-Audited Financial Statements ta` Power Centre Company Limited ghas-snin 1996 sa 1999 (fol 176 et seq).

“Kien mistoqsi dwar Dok GZ7 u GZ8. Dawk kienu purchases li Power Centre Limited ghamlet fl-1997. Ghalkemm hemm riferenza ghal Lm785,700, u fl-audited accounts jidher biss ammont ta` Lm66,856, ix-xhud stqarr illi Dok GZ7 u GZ8 qatt ma kienu ghandu. Qal li kien hallas is-Lm785,700 ghaliex ra r-ricevuti. Fil-fatt wara li ra l-ircevuti kiteb lil Clutterbuck Marine u dawn qalulu li qatt ma kien hemm dak it-tip ta` debitu bejtniethom. Ipprezenta delivery note Dok. MA1 ghal xoghol li hu qal kien ghamel ghall-attur. Ikkonferma li l-bank ta` Power Centre kien il-Mid-Med. Ipprezenta statements ta` Ottubru 1997 (Dok MA2).

“Dwar Dok GZ 3 xehed illi ghalkemm fih kienet tider il-firma tieghu, huwa qatt ma ra l-original tad-dokument. Qal ukoll illi n-numru tal-kont ma kienx tieghu.

“**Barry Watts** rappresentant tal-ufficcju ta` Barclays Bank go Malta xehed li Dok GZ4 mhuwiex dokument tal-bank u huwa dokument falz. Dwar Dok GZ5 xehed illi dak lanqas ma kien dokument tal-bank : la kien fih numru tal-kont u lanqas firma.

“**Philip John Wardrop** xehed illi huwa kien direttur ta` Clutterbuck Marine Limited. Sar direttur taghha fit-30 ta` April 1999. Muri d-dokumenti a fol. 462 u 463, xehed illi dawk mhumiex dokumenti tal-kumpannija. L-ammonti murija fid-dokumenti ma jirrizultawx fl-accounts tal-kumpannija. Mid-dokumenti li huwa rcieva mid-diretturi ta` Clutterbuck, ma jirrizultax li kien hemm xi negozju bejn Clutterbuck u Power Centre Limited. Meta mistoqsi jekk kien hemm xi negozju bejn Clutterbuck u l-konvenuti Mifsud huwa qal li kien hemm fil-passat u dan qabel sar hu direttur. Xehed illi ma kienx jaf lill-attur u qatt ma kellu telefonati minn Malta. Fil-kontoezami, xehed illi l-kumpannija Auscrew Lmited akkwistat lil Clutterbuck Marine, u li hu direttur ta` Auscrew Limited.

“**Ikkunsidrat :**

“**IV. Risultanzi**

“**1) Sottomissjonijiet**

“Fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu, l-attur isostni li dik tal-lum kienet kawza dwar *mutuum* li *ad validitatem* ma hemmx il-htiega tal-forma skritta. L-esitu tal-kawza – naha jew ohra – jiddependi minn qies tal-kredibilita` u tal-preponderanza tal-provi. L-attur jikkontendi li l-verzjoni tieghu hija fil-kumpless taghha aktar veritiera minn dik tal-konvenuti. Jikkontendi li l-ittra ufficjali tieghu li pprecediet il-presentata tac-citazzjoni baqghet bla twegiba mill-konvenuti.

“Anke l-konvenuti fin-nota ta` osservazzjonijiet jaghmlu enfasi fuq il-htiega ghall-qorti li tevalwa l-kredibilita` ta` naha jew tal-ohra. Ghal dan il-ghan, isostnu li l-qorti ghandha taghmel analizi tad-dokumenti esebiti. Jirribadixxu illi hemm provi altru milli sufficjenti li juru li l-attur qatt ma kkontratta mal-konvenuti fil-kapacita tieghu personali u se mai jekk qatt kien hemm kontrattazzjoni din saret mis-socjeta` attrici. Il-konvenuti jikkontendu li d-dokumenti kollha li gew pprezentati huma mbaghbsa u huma kontradetti.

“**2) L-evalwazzjoni tal-provi :**

“**Gurisprudenza**

“Qabel ma tghaddi biex tesprimi ruhha, din il-Qorti trid tghid illi fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza ‘ **Xuereb vs Gauci et**’ il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk –

> "*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*
>
> "*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ;*
>
> "*u*
>
> "*2. Fin-nuqqas, tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur" …*

"Tal-istess portata kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti **(PA/TM)** tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Bugeja vs Meilak"** fejn inghad hekk –

> "*Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta` Novembru, 1966, li –*
>
> > "*il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

"*Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia" –*

> "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

"(ara wkoll – "**Ciantar vs Curmi noe**" – PA/PS – deciza fit-28 ta` April 2003 u "**Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Difesa**" - PA/PS - deciza fit-28 ta` Mejju 2003).

"Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-17 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Camilleri vs Borg**", kienu citati l-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tal-25 ta` Frar 1952 fil-kawza "**Zammit vs Petrococchino**" u tal-Qorti tal-Appell (Sede Civili) tal-5 ta` Marzu 1986 fil-kawza "Vassallo vs Pace" fejn kien inghad illi *"l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu*

*jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet, imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

"**3) <u>Dokumenti</u>**

"Fil-kawza tal-lum, kienu prezentati numru konsiderevoli ta` dokumenti (xi drabi l-istess dokument ghal aktar minn darba). Din il-Qorti sejra taghmel riassunt tad-dokumenti esebiti meqjusa fil-kuntest ta` dak li nghad mix-xhieda dwarhom, u dan qabel ma tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-talba u tal-eccezzjonijiet.

"Kien esebit Dok. GZ1. Dan huwa *application for payment order* tal-Bank of Valletta, maghmul minn Donnington Shipping lil Barclays Bank kont numru 60985171, datat 14 ta` Ottobru 1997 ghas-somma ta` hamsa u tmenin elf sterlina (£85,000).

"Kien esebit Dok GZ2. Jidher illi huwa fax li skond l-attur juri korrispondenza bejn l-konvenut Angelic Mifsud u avukat mill-Ingilterra. Din il-Qorti tesprimi dubji dwar dan id-dokument ghaliex ghalkemm jidher li l-fax rcevietha s-socjeta` Power Centre Limited, jidher ukoll fuq nett tad-dokument l-isem Clutterbuck Ltd u numru Ingliz. Inoltre jidhru zbalji tal-ortografija li fid-dokument li difficilment setghu nkitbu minn avukat Ingliz.

"Kien esebit Dok GZ2A. Skond l-attur dan huwa kontinwazzjoni tal-korrispondenza mal-avukat Ingliz. Anke fil-kaz ta` dan id-dokument, din il-Qorti tesprimi dubji ghaliex ma kienx imfisser lilha r-raguni ghala l-avukat Ingliz kellu jibghat d-dettalji tal-attur lill-konvenut.

"Kien esebit Dok GZ3. Dan suppost huwa dokument skambjat bejn il-konvenut u Idris Baba. Anke dan id-dokument inissel dubji. Apparti l-fatt illi Angelic Mifsud deher ghal Power Centre Ltd, hemm miktub li *transactions will have to pass in our account in Mid-Med Bank 478002092.* Irrizulta minn statements esebiti mill-konvenuti li n-numru tal-kont taghhom kien 472335200 (ara fol. 160). Il-konvenuti sostnew li huma kellhom kont wiehed biss. Meta kien mistoqsi jekk il-firma li tidher fid-dokument kenitx ta` Angelic Mifsud, l-attur wiegeb li ma kienx jaf.

"Kienu esebiti Dok GZ4 u GZ5. Hemm konferma minn Barry Watts ta` Barclays Bank plc li d-dokumenti huma foloz.

"Kienu esebiti Dok. GZ7 u Dok. GZ8. Hemm konferma minn Philip John Wardrop li kien direttur ta` Clutterbuck Marine Ltd li dawk id-dokumenti huma foloz. Fix-xhieda taghhom, il-konvenuti ddikjaraw li qatt ma kienu raw dawk id-dokumenti qabel il-presentata taghhom fil-kawza.

"Kien esebit Dok. GZ9. Dawn huma zewg kambjali ghas-somma ta` Lm8,750. Espert kalligrafu (fil-procediment kriminali) stabilixxa li l-firma mhijiex ta` Angelic Mifsud. Inoltre il-firma ta` huh Jesmond lanqas ma tirrizulta.

"Kien esebit Dok. GZ13. Hija ittra ufficjali datata 22 ta` Awwissu 2000 li permezz taghha Ocean Way Company Limited interpellat lill-konvenuti biex ihallsu £85,000.

"**4) <u>It-telefonata</u>**

"Kien esebit transcript ta` konversazzjoni telefonika bejn l-attur u Boulton. Se ssir riferenza ghal xi brani minnha li din il-Qorti tqis rilevanti –

> "*(Z) <u>We spoke about a week ago I think</u>, its about this last transaction, Maybe we can finalize it.*
>
> "*(Z) … To keep your mind at rest we have transmitted the funds and they are ready to be released. You understand ?*
>
> "*(B) Well, okay you reserve your rights to make doubts but all i`ve done I remember that I spoke with you on Monday.*
>
> "*(Z) Well the thing is that we have to come over there to release these funds, from the … the other figure, the … 370 the 270.*
>
> "*(Z) And they are over there, ready, and as soon as we go to UK then we can release them ; <u>and I thought in the mean time one can do the other business, I cannot understand why you are reluctant.</u>*

"Skond din il-konverazzjoni, qed jidher illi kien hemm kuntatt precedenti bejn l-attur u dan Boulton, kuntrarjment ghal dak li jixhed l-attur.

"It-telefonata hija ambigwa. L-attur jirreferi ghal figuri 370 u 270 li certament huma aktar minn dak li qieghed jitlob f`din il-kawza, anke li kieku kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-£85,000 ta` Bart Attard. Inoltre baqa` mhux imfisser ghala l-attur jistqarr il-kliem – *one can do the other business.*

"Kienu esebiti a fol 403 transcripts ta` konversazzjonijiet telefonici bejn medda ta` zmien bejn l-attur, il-konvenuti, in-nisa taghhom u terzi. Fil-konversazzjonijiet hemm karenza ta` dati. Inoltre f`dak li kien mitkellem ma hemmx riferenza ghall-£85,000 jew Boulton.

"Ta` interess partikolari hija l-konversazzjoni interessanti numerata 29 fejn il-konvenut cempel lill-attur wara li kien interpellat sabiex ihallas l-ammont £85,000. Minflok l-attur insista mal-konvenut fuq il-hlas ta` dawk il-flus, l-attur ighid lill-konvenut – *Imma dawk antiki hi …Jien ma nafx xi proceduri dawn*. *Dan kollox wieqaf*.

"Ta` interess huwa d-dokument li kien esebit a fol 577. Jidher illi l-kont fejn l-attur u Bart Attard iddepozitaw l-flus kien ta` certu Larry-Mitchelle, Nigeria. Isem il-konvenuti ma jidher imkien.

"**5)** ***<u>Mutuum</u>***

"Skond l-**<u>Art 1842 tal-Kap 16</u>** –

> "*Il-mutwu jew self għall-konsum huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta` ħwejjeg li jintemmu bl-uzu, bl-obbligu ta` min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor ta` l-istess xorta u kwalità.*

"Skond l-**<u>Art 1233 tal-Kap 16</u>** –

> "*(1) Bla ħsara tal-kazijiet li fihom, espressament, tagħmel meħtieg l-att pubbliku, għandhom isiru b`att pubbliku jew b`kitba privata, taħt piena ta` nullità -*
>
> "*(a) il-ftehim li jkun fih wegħda ta` trasferiment jew ta` akkwist, taħt kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta` beni immobbli jew ta` jedd ieħor fuq dawk il-beni;*
>
> "*(b) il-wegħdiet ta` self għall-uzu jew mutuum.*

"**6)** **<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

"Apparti l-kontradizzjonijiet, il-falsitajiet u l-istqarrijiet guramentati opposti u kontraditorji tal-partijiet, fatt wiehed irrizulta b`mod u univoku u cioe` li l-allegat self ta` £85,000 ma sarx bil-kitba izda bil-fomm. Jibqa` altru milli misteru ghal din il-Qorti kif somma daqstant kbira, li meta moltiplikata bi tnejn jekk wiehed iqis li somma ekwivalenti kienet mislufa wkoll minn Bart Attard, tghaddi f`idejn haddiehor minghajr kitba jew kondizzjonijiet. Ghal din il-Qorti dan huwa kwesit centrali li almenu da parti tal-attur baqa` bla risposta. Din il-Qorti mhijiex konvinta li negozjanti bhall-attur u Bart Attard jaqghu ghall-kliem *helu* ta` Angelic Mifsud u jisilfu £170,000 minghajr kondizzjonijiet partikolari meta almenu fil-kaz ta` Bart Attard ma kienx jaf lil Angelic Mifsud.

"**i)** **<u>Il-konvenut Jesmond Mifsud u martu *de proprio*</u>**

"Dan il-konvenut cahad kategorikament illi hu jew martu qatt taw awtorita` lil xi hadd inkluz lil huh Angelic Mifsud biex jislef £85,000 minghand l-attur. Jew li huma <u>direttament</u> addirittura ssellfu flus minghand l-attur. Fir-rakkont ta` kif twieled l-allegat dejn, partikolarment l-inkontru li sar ghand Bart Attard, l-attur jeskludi l-involviment <u>dirett</u> ta` Jesmond Mifsud fis-sens illi jghid li meta Aneglic Mifsud ittratta s-self, kien qieghed jaghmel hekk ghan-nom ta` Jesmond Mifsud <u>ukoll</u>. Ghal din il-Qorti din hija allegazzjoni gratuwita

li mhijiex pruvata mill-assjem tal-provi – konvulsi kemm kienu konvulsi l-provi !

"Il-preponderanza tal-provi turi li Jesmond Mifsud de proprio ma ssellifx l-ammont ta` £85,000 minghand l-attur. Lanqas ma kien ippruvat illi l-istess Mifsud ta xi awtorita` lil huh Angelic biex jittratta self minghand l-attur. X`haseb jew ipprezuma l-attur fil-kaz ta` Jesmond Mifsud huwa rrilevanti. Ghaliex anke li kieku l-attur *immagina* li *seta`* kien hemm mandat *tacitu* favur Angelic Mifsud, dak l-allegat mandat *tacitu* ma kien ighodd propju xejn ghaliex is-self ghal haddiehor jesigi mandat <u>specjali u espress</u> – li b`ebda mod ma rrizulta fil-kaz tal-lum.

"Inoltre l-konvenut Jesmond Mifsud ma wera l-ebda kunsens jew volonta`, b`xi diskors jew xi att iehor, espress jew indott mic-cirkostanzi, fejn hu kkonferixxa mandat lil huh Angelic biex jagixxi f`ismu. Lanqas ma rrizulta li aderixxa ghal xi ftehim, jew ghamel atti ta` ratifika ta` xi ftehim *per facta concludentia*.

"Din il-Qorti tghid ghalhekk li l-konjugi Jesmond u Nathalie konjugi Mifsud mhumiex debituri tal-atturi pro et noe u kwindi tilqa` l-eccezzjonijiet taghhom.

"**ii)** **<u>Il-konvenut Angelic Mifsud u martu</u>**

"Angelic Mifsud ikkontesta t-tesi tas-self mill-bidu sal-ahhar. Anzi jaghti versjoni opposta ghal dik tal-attur. Huwa car fit-tesi tieghu : la hu u lanqas il-kumpannija tieghu ma ssellfu minghand l-attur. X`sar fl-inkontru ghand Bart Attard irrizulta ampjament. Din il-Qorti hija wisq konvinta li l-attur u Bart Attard ta` *seasoned men of business* li kienu gharblu bir-reqqa l-proposta ta` negozju li saret minn Angelic Mifsud. Ghal din il-Qorti huwa daqstant evidenti li Angelic Mifsud ma kienx qieghed jagixxi f`ismu, fatt li kien ben not lill-attur li ttratta mieghu bhala kumpannija anke qabel.

"Bhala regola, huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati. Il-kaz tal-lum pero` jikkostitwixxi eccezzjoni ghal dik ir-regola. Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc **"<u>Cilia noe vs Scicluna</u>"** (K/FGC) tas-27 ta` April 1992 (LXXVI.IV.673) u **"<u>Bonnici noe vs Grima</u>"** (K/JDC) tat–30 ta` April 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell **"<u>Caruana et vs Magro et</u>"** tas-6 ta` Ottubru 1999, hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f`isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f`isem haddiehor.

"Ghall-fini ta` dritt, u partikolarment il-portata tal-vinkolu kontrattwali, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta` Dicembru 1999 moghtija fil-kawza "**<u>Vella vs Vella noe</u>**". Skond din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tigi kontrattata l-

obbligazzjoni.  Huwa dak il-mument fejn min jikkontratta ghandu l-obbligu li jiddikjara b`mod car u univoku illi f`dik il-kontrattazzjoni mhux qieghed jidher f`ismu imma f`isem persuna ohra (fisika jew morali) li trid tkun ben identifikata.  Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tal-parti l-ohra f`dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta` Ottubru 1999 fil-kawza "**Formosa et noe vs Felice**" tat direzzjoni preciza fis-sens illi sostniet li kien jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta` kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta` haddiehor.  Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhumiex daqstant ovvji.  Fejn hemm dubju pero` wiehed ghandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed taghmel hekk f`isimha propju.

"Certament fil-kaz tal-attur, huwa ben evidenti ghal din il-Qorti illi fi kwalunkwe kuntatt precedenti ta` negozju li l-attur kellu ma` Angelic Mifsud, dan sar ma` kumpannija tieghu mhux mieghu personali.  Dan huwa fatt accertat li johrog bl-aktar mod car mill-assjem tal-provi.  Din il-Qorti izzid tirrileva li l-kawza tal-lum kienet impostata mill-attur fuq allegazzjoni ta` self mhux fuq frodi (kif ittenta jimplika waqt i-trattazzjoni tal-kawza).  Ladarba dik kienet l-ghazla tal-attur, ir-rwol tal-Qorti huwa li tiddeciedi skond it-talba.  U fic-cirkostanzi t-talba ma tistax tkun akkolta kontra l-konvenut Angelic Mifsud de proprio.

"**iii)    Il-kumpannija tal-ahwa Mifsud**

"L-ahwa konvenuti Mifsud kellhom kumpannija bejniethom li bidlet l-isem taghha tliet darbiet.  Mid-dokumenti li pprezenta l-attur, u min-negozju li kellu ma` Angelic Mifsud, huwa evidenti li dan Mifsud kien ukoll fin-negozju li kien gestit minn kumpannija.  Eppure fil-kawza tal-lum, l-attur ghazel li jhalli barra l-kumpannija.  Ladarba l-attur ghazel li jhalli l-kumpannija barra ghal kollox mill-kawza, ikun esercizzju ghal kollox inutili ghal din il-Qorti li taghrbel ir-rwol li seta` kellha l-kumpannija f`dak kollu li ghadda jew seta` ghadda bejn il-partijiet.

"Fl-isfond tal-gurisprudenza diga` citata, din il-Qorti hija tal-fehma li l-assjem tal-provi ma jistax inissel fiha c-certezza morali li l-attur pprova t-talbiet tieghu kontra l-konvenuti.  Ma rrizultax illi l-attur ghadda flus lill-konvenuti f`kont taghhom.  It-trasferiment tal-flus jidher li sar direttament mill-kont tal-attur ghal kont fil-Barclays Bank l-Ingilterra, li kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti a fol. 577 et seq, ma kienx intestat f`isem wiehed mill-konvenuti.  Lanqas ma rrizulta ness bejn s-socjeta` attrici u l-konvenuti.

"**Decide**

"**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi qeghda tilqa` l-**

**eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, qeghda tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-attur proprio et nomine**".

## Rikors tal-appell tal-attur *proprio et nomine* (19.06.2013)

**3.** L-attur *proprio et nomine* ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

*L-ewwel aggravju* - is-self ta' £85,000 mingħajr skrittura

**4.** Fl-ewwel aggravju tiegħu l-attur appellant jgħid li l-kumment tal-ewwel Qorti li "*jibqa' altru milli misteru*" kif self ta' somma ta' £85,000 ma saritx bil-kitba huwa bla bażi legali għaliex sabiex isir self (*mutuum*) ma hemmx bżonn li ssir skrittura. Jgħid li l-ewwel Qorti missha apprezzat li fid-dinja tal-kummerċ, partikolarment fil-ġenerazzjoni anzjana, in-negozju jsir bil-kelma u mhux bil-kitba.

*It-tieni aggravju* – meta jkun hemm kunflitt ta' provi

**5.** Fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta illi minkejja li l-ewwel Qorti aċċennat għall-ġurisprudenza[1] li tgħallem li f'każ ta' kunflitt ta' verżjonijiet il-ġudikant kellu:

[1] Partikolarment is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Xuereb vs Gauci et (24.03.2004)

(1) fl-ewwel lok jagħraf jislet mill-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta lil xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli mill-oħra, u fin-nuqqas

(2) japplika l-prinċipju "*actore non probante reus absolvitur*",

hija ma mxietx ma' tali insenjament.

**6.** Jissottometti illi l-verżjonijiet tal-konvenuti stess ma jikkorroborawx lil xulxin għaliex Jesmond Mifsud xehed li ma jaf b'xejn filwaqt li Angelic Mifsud innega kollox. Isostni invece li l-verżjoni tiegħu li huwa sellef lill-konvenuti aħwa Mifsud is-somma ta' £85,000 hija kkorroborata pjenament minn Bart Attard.

*It-tielet aggravju* – "*kontradizzjoni loġika*" fir-rigward tad-dokumenti esebiti minnu

**7.** Fir-rigward tad-dokumenti esebiti minnu jaċċenna għall-fatt li huwa kien qal li dawn tahomlu l-konvenut, fatt innegat mill-istess konvenut. Jispjega li l-ewwel Qorti sabet diversi difetti fihom u użat tali difetti bħala fattur li jimmilita kontrih. Jilmenta illi l-ewwel Qorti ma setgħetx timbarka fuq eżerċizzju biex tara liema verżjoni hija dik veritjiera meta *ab initio* kienet qed taċċetta l-verżjoni tal-konvenut.

Jargumenta illi bil-"*fil ta' ħsieb*" tagħha (u cioe` li temmen il-verżjoni tal-konvenut) bil-fors li kienet ser tinterpreta d-difetti fid-dokumenti kontrih u mhux kontra l-konvenut.

*Ir-raba' aggravju* – apprezzament skorrett tal-provi

**8.** Jilmenta illi l-ewwel Qorti donnha nsiet, jew ma fehmitx, li d-dokumenti Dok GZ2-GZ5 u Dok GZ7-GZ8 huma dokumenti li ġew mgħoddija lilu mill-konvenut Angelic Mifsud, u jargumenta illi jekk il-kontenut tagħhom huwa fażull, allura ma jaħtix hu (l-attur) għal dan. Isostni li jekk dawn nisslu dubju f'moħħ il-qorti (kif ikkummentat l-istess qorti) dan m'għandux jimmilita kontrih. Dwar il-kumment tal-ewwel Qorti li huwa ma kellux l-orġinal ta' tali dokumenti, jgħid illi huwa ma setax ikollu l-oriġinal tagħhom u allura ma setax jikkonferma l-firem li kien hemm fuqhom. Isostni li kwalsiasi dubju naxxenti minn dawn id-dokumenti messu ġie interpretat kontra l-konvenuti u mhux kontrih, li kien biss ir-riċevitur ta' tali dokumenti.

**9.** Iżid li, biex jagħti kredibbilità lid-dokumenti Dok GZ7 u GZ8, Angelic Mifsud (fis-17 ta' April 2005) xehed li s-soċjeta` Power Centre Malta Ltd[2] kienet innegozjat ma' Clutterbuck Marine (kellha debitu ma' Clutterbuck Marine fl-ammont ta' £785,000 li fil-fatt tħallas lura), iżda

[2] Is-soċjeta` Power Centre (Malta) Ltd hija s-soċjeta` tal-aħwa Angelic u Jesmond Mifsud, li sussegwentement biddlet isimha għal Zachrome Ltd.

sussegwentement, rappreżentant ta' Clutterbuck Marine, xehed li d-dokumenti GZ7 u GZ8 huma foloz. Jilmenta illi l-ewwel Qorti skartat dan il-fatt li juri li Angelic xehed falz. In oltre jargumenta illi x-xhieda ta' Angelic Mifsud fejn ipprova jiġġustifika d-dokumenti GZ7 u GZ8 turi li mhux minnu dak li qalet l-ewwel Qorti, u cioe` li l-konvenuti qalu li qatt ma raw id-dokumenti qabel. Jaċċenna wkoll għall-fatt li mill-*audited accounts* tas-soċjeta` Power Centre Malta Ltd imkien ma rriżultat tranżazzjoni fl-ammont ta' £785,000 u jilmenta li dan il-fatt ukoll ġie skartat mill-ewwel Qorti.

*Il-ħames aggravju* – il-konverżazzjonijiet telefoniċi

**10.** Dwar il-konverżazzjoni telefonika bejnu u bejn Boulton huwa jispjega illi dejjem għamilha ċara li qatt ma ltaqa' ma' Boutlon u li ma jafx jekk dan il-bniedem verament jeżistix. Jenfasizza illi kull ma jaf hu li kien hemm persuna fuq in-naħa l-oħra tal-linja li l-konvenut Angelic Mifsud identifika bħala "Boulton", liema persuna kienet iġġib raġunijiet għalfejn hemm problemi biex huwa jieħu flusu lura. Jgħid illi *dato ma non concesso* li din it-telefonata hija ambigwa, ma huma ambigwi xejn pero` t-telefonati bejnu u bejn Angelic Mifsud. Jaċċenna partikolarment għat-telefonati numru 5, 9, 10, 15, 25 u 29 u jargumenta illi minnhom tirriżulta ammissjoni ċara tas-self u d-debitu in kwistjoni, u jilmenta li dawn ġew skartati għal kollox mill-ewwel Qorti.

*Is-sitt aggravju* – il-fatt li l-flus mislufa ma marrux f'kont intestat f'isem l-appellati

**11.** L-appellant iżid li bħala konsiderazzjoni ta' nuqqas ta' prova ta' self, il-Qorti kkonsidrat il-fatt li ma ġiex depożitat l-ammont f'kont intestat f'isem l-appellati. Hawnhekk l-appellant jaċċenna għax-xhieda tiegħu u ta' Bart Attard, fejn qalu li huma kienu bagħtu l-flus fil-kont li kien indikalhom il-konvenut Angelic Mifsud. Fir-rigward tad-dettalji tal-kont li tah Angelic Mifsud, jagħmel riferenza għad-dokumenti GZ4 u GZ5, għalkemm jgħid li l-istess Angelic Mifsud qed jinnega li tah tali dettalji.

*Is-seba' aggravju:* il-kejl tal-oneru tal-prova li użat l-ewwel Qorti

**12.** L-appellant jilmenta li fir-rigward tal-provi mressqa minnu, l-ewwel Qorti imbarkat fuq eżerċizzju biex "*tfittex ix-xagħra fl-għaġina*". Jilmenta li hija użat kejl ta' oneru ta' prova applikabbli għall-kamp kriminali u mhux għall-kamp ċivili: isostni li hija pprovat tara jekk il-każ kienx provat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, u mhux fuq bilanċ ta' probabilitajiet, kif kienet obligata li tagħmel. Jilmenta li fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-ewwel Qorti aċċennat biss għad-dubji tagħha fuq il-provi mressqa minnu, u li invece ma kkummentatx fuq il-kontradizzjonijiet grossolani li jinsabu fil-provi mressqa mill-konvenuti.

**13.** Fost il-kontradizzjonijiet li jaċċenna għalihom, jirreferi għall-fatt li fl-affidavit tiegħu Angelic Mifsud qal li la huwa personalment u lanqas xi soċjeta` tiegħu qatt isselfet xi flus mingħandu jew mingħand xi soċjeta` tiegħu, imbagħad fix-xhieda tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2005 ikkonferma li *"kien hemm xi żminijiet meta meta konna nagħmlu negozju mal-attur u konna issellifna għal xi żmien*".

*It-tmien aggravju* – il-preżunzjoni li persuna tikkontrattja f'isimha *proprio*

**14.** Fl-aħħar aggravju tiegħu l-attur *pro et noe* jilmenta illi minkejja li l-ġurisprudenza kostanti tgħid li huwa preżunt li persuna tikkontrattja f'isimha *proprio*, l-ewwel Qorti argumentat illi ladarba fil-kuntratti preċedenti bejnu u bejn il-konvenut Angelic Mifsud dan tal-aħħar aġixxa għan-nom ta' soċjeta`, kwindi għandu jiġi preżunt li f'dan il-każ ukoll kien qed jaġixxi għan-nom tas-soċjeta` tiegħu. Huwa jilmenta li dan huwa argument simplistiku żżejjed. Jargumenta illi fl-eċċezzjonijiet intqal li ma sar l-ebda negozju (la personalment u lanqas f'isem ta' soċjeta`) u għalhekk l-ewwel Qorti messha rat jekk fil-fatt sarx self jew le; u barra minn hekk isostni li ma hu minnu xejn li n-negozju preċedenti kien dejjem f'isem soċjeta`: isostni li huwa kien diġa sellef flus lill-konvenut appellat Angelic Mifsud personalment u dwaru infetħet kawża li ġiet deċiża kontrih. Jenfasizza li l-appellati qatt ma semmew li kkontrattaw

f'isem xi soċjeta`.

**Risposta tal-konvenuti appellati (28.06.2013)**

**15.** Il-konvenuti wieġbu biex jgħidu li l-appell intavolat mill-attur *proprio et nomine* ma jistax jintlaqa' u għandu jiġi miċħud. Din il-qorti tosserva illi aktar milli "risposta" għall-aggravji elenkati fir-rikors tal-appell, il-konvenuti essenzjalment jirrepetu s-sottomissjonijiet li kienu għamlu fl-14 ta' Settembru 2011.[3]

**16.** Jgħidu illi *dato ma non concesso* li kien hemm xi kontrattazzjoni bejn il-partijiet, tali kontrattazzjoni saret mis-soċjeta` attriċi appellanti, u mhux mill-attur appellant personalment u li għalhekk is-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata.

**17.** In kwantu l-azzjoni hija proposta mill-attur għan-nom u in rappreżentanza ta' Donnington Shipping Ltd isostnu li s-sentenza hija wkoll ġusta u timmerita konferma u dan għaliex l-imsemmija soċjeta` ma ġabitx "*farka ta' prova*" li attwalment sar is-self minnha reklamat.

**18.** Il-konvenut imbgħad jagħmlu l-apprezzament dettaljat tagħhom tal-provi prodotti u dan in s-sostenn tal-konklużjonijet tagħhom.

[3] Sottomissjonijiet tal-konvenuti, fol 716 et seq

**19.** Għalkemm il-konvenuti appellati jaqblu perfettament illi biex wieħed isellef flus ma hemmx bżonn *ad validitatem* ta' skrittura, jargumentaw illi hawnhekk si tratta ta' ċifri konsiderevoli u li allura l-attur Zammit, bħala kummerċjant li jaf l-affarijiet tiegħu sew, li kieku effettivament sellifhom tali ċifra ċertament kien jitlobhom jiffirmawlu skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu. Daqstant ieħor isostnu li ma hija xejn kredibbli l-verżjoni ta' Bart Attard, in-negozjant l-ieħor, fejn qal li huwa wkoll kien sellef lil Angelic Mifsud is-somma ta' £85,000 abbażi tal-fiduċja li kellu fl-attur George Zammit. Jargumentaw illi Attard ma kienx jaf lil Angelic Mifsud, u jikkummentaw: "*Alla jbierek, jaċċetta li jsellfu dik is-somma fuq kelmtu, bla kitba ta' xejn, kważi kważi daqs li kieku kien qed jislef lil ħuh*!".

**20.** Isostnu li ħafna mid-dokumenti huma mbagħbsa u kontradetti mill-esperti u mix-xhieda. Jaċċennaw għax-xhieda ta' Angelic Mifsud fejn qal li kien talab li jkollu l-oriġinali tad-dokumenti iżda dawn qatt ma ġew. Jikkummentaw illi l-attur ma jagħmel l-ebda riferenza għad-dokumenti Dok GZ2, GZ2A u GZ3, rigwardanti *fax*. Jaċċennaw għall-fatt illi minkejja li fuq il-parti ta' fuq jidher l-isem Power Centre Ltd in-numru ta' min bagħat il-*fax* hija tal-istess attur u għalhekk isostnu li tali dokument ma hu xejn għajr fabrikazzjoni totali da parti tal-Zammit.

**21.** Dwar Dok GZ4 u GZ5 jaċċennaw għax-xhieda tal-espert Mr Barry Watts tas-7 ta' Diċembru 2005 fejn qal li Dok GZ4 "*looks like a forged dokument*" u Dok GZ5 "*doesn't show a signature of an account number of the client who was authorizing transfer, it doesn't show anything at all..*".

**22.** Dwar Dok GZ7 u GZ8, (dokumenti bil-*letterhead* ta' Clutterbuck Marine Ltd) li fir-rigward tagħhom Mr Wardrob, direttur tal-istess Clutterbuck Marine Ltd, qal li ma jirrikonoxxihomx bħala li huma tal-kumpanija Clutterbuck Marine Ltd, jgħidu li dawn id-dokumenti mhux tal-atturi appellanti u jaċċennaw għall-fatt li l-atturi appellanti qatt ma spjegaw kif fil-fatt ġew f'idejhom.

**23.** Dwar Dok GZ9 (kopja ta' żewġ kambjali) jirreferu għall-affidavit ta' Zammit fejn qal li kontra l-allegat self ta' Lm8,750 kien ingħata ċekk *post-dated* li ma kienx issarraf li kien ġie ritornat bil-kumment "*refer to drawer*" u li sussegwentement iċ-ċekk kien ġie sostitwit b'żewġ kambjali (ta' Lm4,375 il-wieħed). Hawnhekk isostnu li Zammit huwa kompletament żbaljat għaliex kemm fil-kopja tal-BOV kif ukoll tal-HSBC mhux talli ma jidhrux tali kliem, talli hemm it-timbru li ċ-ċekk issarraf. Jagħmlu wkoll riferenza għall-konklużjonijiet tal-esperti Joseph Gaffiero u Martin Bajada in kwantu qalu li għalkemm il-firma fuq kull kambjala tixbah lil dik ta' Angelic Mifsud, effettivament mhix l-istess firma. In oltre

jsaqsu: għaliex dawn il-kambjali li kienu jimmaturaw fil-15 ta' Ġunju 1998 u fil-15 ta' Lulju 1998 ġew ippreżentati ma' din il-kawża? Jgħidu li r-risposta għal din l-inkonsistenza jagħtiha l-istess Zammit meta jgħid: "*Jiena ngħid illi llum il-ġurnata lanqas naf xi spjegazzjoni nista' nagħti għal dan*".

**24.** Dwar it-telefonata ma' James Boulton, jaċċennaw għall-fatt illi fix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2003, Zammit innega li qatt kellmu, u ħalef li lanqas biss jafu, iżda jispjegaw illi fil-fatt huwa kien irrekordja l-konverżazzjoni u kien tahom kopja, u jsostnu li meta nduna li kien hemm ir-recording, qaleb id-diskors u qal "*Jiena ma kontx ċempilt lil Boulton mill-uffiċċju tiegħi – kien ċempel Mifsud imbagħad kien għaddih lili*". Isostnu li din hija gidba għaliex fil-fatt mir-recording jirriżulta li kien proprju Zammit li fetaħ id-diskursata: "*Yes I'd like to speak to Mr James Boulton please*". In oltre jagħmlu riferenza għal paġna 5 mid-diskursata fejn qal "*I am well established but him, he is a beginner, you understand. Maybe that is why he is a bit naïve, because he is a beginner and his is just starting in life. If something goes wrong for him I mean he is bust*". Isostnu li dan juri kemm huma ma kellhomx x' jaqsmu fin-negozju. Jirreferu wkoll għax-xhieda ta' Zammit tal-21 ta' Mejju 2009 u tat-23 ta' Novembru 2009 u jsostnu li minnha jirriżulta li Zammit għadda l-flus lil Boulton u mhux sellifhom lilhom, u li meta ġietu ħażina ma' Boulton, ivvinta l-istorja tas-self.

**25.** Jikkummentaw ukoll kif Zammit ma jiddistingwix bejn il-personalitajiet ġuridiċi tiegħu u tal-kumpanji tiegħu, għaliex id-Dok GZ12 hija itttra mibgħuta f'ismu proprio, Dok GZ13 hija mibgħuta minn Ocean Way Company Ltd u Dok GZ1 u GZ6 huma ittra mibgħuta minn Donnington Shipping Company. Jaċċennaw ukoll għall-fatt li daqqa jgħid li n-negozju magħhom kien f'ismu u filli jirrealizza li ma setax għamel tali negozju f'ismu u għalhekk inserixxa s-soċjeta` attriċi fil-kawża miegħu.

**26.** Finalment jissottomettu illi kemm Bart Attard kif ukoll George Zammit qalu li konvenuti nisa Mifsud qatt ma rawhom: jargumentaw allura li dawn ġew ċitati inutilment u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

*Ammonti mislufa*

**27.** Mill-provi prodotti, is-sentenza appellata, ir-rikors tal-appell u r-risposta relattiva, jiġi nnotat li jissemmew frekwentement mhux biss l-ammont ta' £85,000 mertu tal-kawża odjerna, li allegatament ġew mislufa lill-konvenuti fl-14 ta' Ottubru 1997. Jissemma' wkoll l-ammont ta' Lm8,750 li jirrigwarda flus "allegatament" mislufa mill-attur *proprio* lil Angelic Mifsud *proprio* sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jħallas il-*freight*

fuq *satellite communications equipment* li kien ried jimporta minn barra. Skont Zammit il-konvenut Angelic Mifsud kien tah ċekk *post dated* li ma ssarrafx u mbagħad ġie sostitwit b'żewġ kambjali. Jissemma wkoll ammont ieħor ta' Lm2,496 li jirrigwarda flus "allegatament" mislufa mill-attur *proprio* lil Angelic Mifsud *proprio* sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jħallas xi *landing charges* fir-rigward tal-imsemmi equipment. Skont Zammit, Mifsud kien ħallsu b'ċekk li ukoll ma ssarrafx.

**28.** Fil-fatt jirriżulta li barra l-kawża odjerna għall-ħlas tal-allegat self fl-ammont ta' £85,000, ġew istitwiti żewġ kawżi oħra għall-ħlas tal-ammonti l-oħra fuq imsemmija. Dawn kollha ġew istitwiti fl-20 ta' Novembru 2000, għalkemm il-fatti li taw lok għall-kawżi jirrigwardaw episodji differenti.

**<u>L-ewwel eċċezzjoni/it-tmien aggravju</u>**

**29.** In vista tal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li ma rriżultalhiex ness bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenuti, din il-qorti serja tibda biex tikkonsidra t-tmien aggravju tal-atturi appellanti: u cioe` dak rigwardanti l-kwistjoni dwar ir-relazzjoni ġuridika o meno bejn il-partijiet fir-rigward tal-allegat self.

**30.** L-atturi appellanti jgħidu li kienet skorretta l-ewwel Qorti meta qalet li n-negozji preċedenti li saru mal-attur kienu dejjem għan-nom tal-kumpanija (tal-aħwa Mifsud). Isostnu illi qabel is-self in kwistjoni allegat minnhom, kien diġa sar self lill-konvenut Angelic Mifsud personalment, u jgħidu illi fil-fatt kienet saret kawża li ġiet deċiża kontrih.[4]

**31.** Fir-rigward ta' dan it-tmien aggravju, il-konvenuti appellati ma għamlu l-ebda kummenti nonostante r-"risposta" voluminuża tagħhom għar-rikors tal-appell tal-atturi appellanti.

**32.** Din il-qorti hi tal-fehma li huwa utli li tispjega kronoloġikament in-negozji li saru bejn il-partijiet (jew bejn il-kumpaniji tagħhom).

*1993/1995 - Il-bridge equipment*

**33.** Skont l-attur George Zammit[5], direttur tas-soċjeta` attriċi Donnington Shipping Company Ltd, huwa sar jaf lill-aħwa Mifsud fis-sena 1995 meta ordna mingħandhom *bridge equipment* komplut ta' vapur għan-nom ta' soċjeta` estera. Kontro-eżaminat[6] qal li kien fl-aħħar tal-1994/1995 li l-kumpanija tiegħu xtrat equipment kbir mingħand is-soċjeta` tal-konvenuti aħwa Mifsud.

---

[4] Effettivament pero` din il-kawża tirrigwarda self li kronoloġikament sar wara s-"self" in kwistjoni, kif ser jiġi spjegat minn din il-qorti 'il quddiem
[5] Affidavit ta' George Zammit, fol 24 et seq
[6] Kontro-eżami ta' George Zammit, tal-10.10.2003, fol 91 et seq

**34.** Skont il-konvenut Angelic Mifsud[7] invece kienet is-sena 1993 meta sar dan l-imsemmi negozju bejniethom. Jenfasizza li kien ġie inkarigat mhux fil-kwalità personali tiegħu, iżda fil-kwalità tiegħu ta' direttur tas-soċjeta` Fleet Marine Electronics Ltd (li sussegwentement biddlet isimha għal Power Centre (Malta) Ltd, u sussegwentement għal Zachrome Ltd).

*1997 - L-ammont ta' Lm23,650 avvanzat minn Zammit*

**35.** Skont l-attur George Zammit fis-7 ta' Ottubru 1997 "*kien avviċinani Angelic Mifsud flimkien ma' ħuh Jesmond Mifsud, li huwa sħab miegħu fin-negozju*" u talbuh biex isellifhom xi flus. Qal li sellifhom Lm25,000 (kontro-eżaminat qal li somma kien fil-fatt kienet Lm24,500) u li din is-somma tħallset lura fl-14 ta' Ottubru 1997. Huwa fil-kontro-eżami ġie muri ċ-ċekk datat 14 ta' Ottubru 1997 li kien inħareġ minn Power Centre Ltd fl-ammont indikat ta' Lm24,500 u qal "*Jiena ddepożitajt dan iċ-ċekk*". Spjega li ċ-ċekk fil-fatt kien sar qabel l-14 ta' Ottubru. (Fil-fatt Angelic Mifsud, fil-kontro-eżami tiegħu qal li ċ-ċekk kien *post-dated*). Jirriżulta mid-dokument Dok ZG1[8], li huwa dokument tal-BOV (San Ġwann), li dan iċ-ċekk fil-fatt ġie depożitat fil-15 ta' Ottubru 1997. L-i*statement* tal-Mid-Med Bank relattiv għall-kont kurrenti tas-

[7] Affidavit ta' Angelic Mifsud, fol 72 et seq
[8] Fol 164 (isfel)

soċjeta` Power Centre Ltd bin-numru 472335200 fil-fatt juri li ġiet imnaqqsa s-somma ta' Lm24,500 relattiva għal ċekk bin-numru 00001259. Id-data tal-entrata hija 16 ta' Ottubru 1997.

**36.** Angelic Mifsud jikkummenta illi meta George Zammit fl-affidavit tiegħu xehed illi hu u ħuh Jesmond Mifsud huma sħab *"fin-negozju"*, messu kompla jgħid li huma sħab proprju fil-kumpanija tagħhom, li oriġinarjament kien jisimha Fleet Marine Electronics Ltd, imbagħad biddlet isimha għal Power Centre (Malta) Ltd, u sussegwentement reġgħet biddlitu għal Zachrome Ltd. "*Dejjem mexxejna n-negozju hekk, f'isem din is-soċjeta` u qatt ma għamlina xejn jew ebda negozju bħala individwi*".

**37.** Fil-kontro-eżami tiegħu[9], Angelic Mifsud ġie muri kopja ta' ċekk datat 7 ta' Ottubru 1997 fl-ammont ta' Lm23,650 payable lil "A. Mifsud".[10] Huwa kkonferma li kien dan effettivament iċ-ċekk li rċieva mingħand Zammit bħala self. Spjega li l-ħlas lura lil Zammit kien sar permezz ta' ċekk numru 001259 datat 14 ta' Ottubru 1997 maħruġ mis-soċjeta` tiegħu u ta' ħuh Power Centre Co Ltd fl-ammont ta' Lm24,500.[11] Dwar id-differenza fil-figuri qal li din tirrappreżenta l-qliegħ li kellu jieħu Zammit.

[9] Kontro-eżami ta' Angelic Mifsud tas-17.06.2005, fol 166 et seq
[10] Fol 164 (fuq)
[11] Fol 165

**38.** F’kontro-eżami sussegwenti[12] Angelic Mifsud ippreċiża li kontrarjament għal dak li qal fil-kontro-eżami tas-17 ta’ Ġunju 2005, dan l-ammont ma kienx eżattament self. (Fil-fatt anke fl-affidavit tiegħu qal li ma kienx self). Spjega li Zammit kien interessat jixtri xi *marine equipment* li kien ra barra minn Malta għall-bastiment tiegħu u fil-fatt kien avviċina lilhom fir-rigward. Qal li peress li l-ispejjeż tal-konsenja kienu għoljin ħafna u kellhom ħafna flus x’jiġbru mingħand diversi kljenti (inkluż mingħand Zammit stess) qalulu li l-ewwel xtaqu jiġbru xi flus; spjega li allura Zammit ippropona li joħroġ il-flus biex jitħallas ix-*shipper* tiegħu (li huma bħala ditta ma kienux jaħdmu bih), u mbagħad huma jieħdu l-merkanzija u jinstallawha fuq il-bastiment ta’ Zammit. Kompla jgħid li fil-fatt malli waslet il-merkanzija mal-i*skipper* partikolari ta’ Zammit, u raw li x-xogħol kien “*alright*” huma ħarġu ċ-ċekk lil Zammit. Mistoqsi għaliex jekk Zammit kien qed iħallas bil-quddiem, il-Power Centre Co Ltd ħarġitlu ċekk ieħor kontrih, wieġeb illi tax-xogħol Zammit kien imbagħad ħallashom mal-ħin. Dwar id-differenza fl-ammonti qal li dan kien minħabba li r-rata tal-kambju kienet ftit differenti u la riedhom tawhomlu.

*1997 - L-allegat self ta’ £85,000 mertu tal-kawża odjerna*

**39.** Fl-affidavit tiegħu, George Zammit qal li kienet il-ġurnata tal-14 ta’ Ottubru 1997 meta “reġgħu avviċinawh” l-aħwa Mifsud u qalulu li

[12] Kontro-eżami ta’ Angelic Mifsud tal-24.10.2005, fol 231 et seq

kellhom bżonn jisselfu £170,000 sabiex jirbħu definittivament kuntratt li jiswa $7,000,000 għall-esportazzjoni ta' *satellite equipment* għal-Libja. Qal li l-ammont li kien għadu kemm sellifhom (peress li l-verżjoni tiegħu hi li kien self) kien jirrappreżenta ammont li l-aħwa Mifsud kienu fil-fatt diġa għaddew lill-barranin li wegħduhom il-kuntratt.

**40.** Kompla jgħid li xi jumejn wara l-14 ta' Ottubru 1997 mar ma' Angelic Mifsud l-uffiċċju ta' sieħbu Bart Attard (negozjant li bħalu kien ilu ħafna snin fin-negozju) u spjegalhom it-tender. Qal li hu u ħuh Jesmond kienu għadhom kemm ġew mill-Ingilterra fejn kienu ddiskutew il-kuntratt ma' ċertu John Boulton (Amerikan) Idris Baba (avukat Libjan) u ċertu Smith, li kien avukat Ingliż. Qal li wara hu u Attard aċċettaw li jselfuhom £85,000 kull wieħed. Qal li mbagħad xi jumejn wara ttrasferewlhom il-flus f'kont tal-Barclays fl-Ingilterra, u dan fuq struzzjonijiet ta' Angelic Mifsud.

**41.** Kontro-eżaminat qal li kien wara li tħallas lura s-somma ta' Lm24,500 permezz ta' ċekk fl-14 ta' Ottubru 1997 li l-aħwa Mifsud kienu avviċinawh dwar is-self mertu tal-kawża. Qal li d-data meta avviċinawh ma ftakarhiex.

**42.** Fir-rikors ġuramentat tiegħu pero` ddikjara illi huwa (*pro et nomine*) kien sellef lill-konvenuti aħwa Mifsud l-ammont ta' £85,000

proprju fl-14 ta' Ottubru 1997. Fil-fatt skont id-dokumenti Dok GZ1 u GZ6[13], li huma dokumenti tal-BOV, jirriżulta li l-£85,000 ġew trasferiti mill-kont tas-soċjeta` attriċi Donnington Shipping Ltd għal ġol-kont tal-Barclays fl-Ingilterra fl-14 ta' Ottubru 1997 fin-12:30pm.

**43.** L-aħwa Mifsud da parti tagħhom jinnegaw li Zammit u Attard selfuhom xi flus fir-rigward ta' dan l-allegat kuntratt. Il-verżjoni tagħhom hija li għalkemm oriġinarjament kienu interessati li jidħlu għal *"biċċa xogħol kbira"* konsistenti f'kunsinna kbira ta' apparat marittimu (inkluż *Satellite Equipment* u apparat ieħor) destinat għal-Libja, wara li għamlu l-indaġini tagħhom sabu li l-materjal in kwistjoni kien/seta' jaqa' taħt is-sanzjonijiet imposti mill-Ġnus Magħquda kontra l-Libja u għalhekk qatgħu qalbhom. Isostnu li l-attur, invece, li kien jaf b'din l-opportunità:

> "*billi konna għidnilu li forsi stajna noffrulu xi equipment li riedu hu bi prezz skontat ħafna bis-saħħa tal-offerta kieku kellna nirbħuha, talabna biex in-negozju jkomplih waħdu kif fil-fatt għamel. Illum jidher li mar żmerċ u li qiegħed jipprova jirkupra dak li jallega li tilef minn fuq darna, billi jimplikana il-għaliex jidher li daħħalha f'rasu li b'xi mod nistgħu inkunu involuti aħna fit-telfa li sofra*".

**44.** Zammit da parti tiegħu kompla jispjega illi xi tlett ijiem wara li hu u Attard kienu ttrasferew il-fondi, Angelic Mifsud talabhom aktar flus. Qal li huwa tkellem ma' Attard u dan uża xi kuntatti li kellu fl-Ambaxxata Libjana biex jagħmel *find out* dwar il-Libjan bl-isem ta' Idris Baba li suppost kien ser jagħti l-kuntratt. Irriżulta li l-Ambaxxata ma kienux jafu

[13] A fol 31 u 37 rispettivament

bih. Qal li tramite kuntatti li kellhom fl-Ingilterra għamlu wkoll *find out* dwar l-Amerikan Boulton u qalulhom li ma kienux jafu bih. Spjega li f'dak l-istadju hu u Attard marru għand l-aħwa Mifsud u talbuhom il-flus lura, u l-aħwa Mifsud qalulu li l-barranin kienu qalulhom li biex ikunu jistgħu jieħdu l-flus lura kellhom jinqatgħu xi "*charges*". Qal li huma aċċettaw dan l-arranġament iżda l-flus baqgħu ma ġewx għalkemm Angelic Mifsud kien baqa' jwegħdu li l-flus kienu ġejjin.

**45.** Kompla jgħid illi darba minnhom Angelic Mifsud kien qallu li ġew Malta Idris Baba u Boulton. Jilmenta li Mifsud baqa' ma qalilhomx biex jiltaqgħu magħhom u kien informahom li kien iltaqa' waħdu magħhom u li kien irranġa kollox tant li għaddhielu skrittura f'dan ir-rigward (Dok GZ3[14]). Din l-iskrittura (bla data) fl-ewwel vers tagħha għandha miktub "REF98" u hija intitolata "*Agreement done today between Mr Angelo Mifsud for Power Centre and Dr Idris Baba Passport No 17481906*". Dan id-dokument fih firem ta' "A Mifsud" ta' "Dr Idris Baba" u ta' persuna oħra u ġie dikjarat illi "Idris Baba & Co" kellu jirritorna lil Power Centre Ltd is-somma ta':

*A. LM25,000*

*B. LM46,000*

*C. LM10,000 (EXPENSES)*

*D. Lm18,000*

[14] Dok GZ3, fol 34

*E. TWO PAYMENTS OF STG 85,000*

*ALL TRANSACTIONS WILL HAVE TO PASS TO OUR ACCOUNT TO MID-MED BANK LTD 2 B'BUGIA ROAD B'BUGIA ACCOUNT 478002092*

**46.** Fir-rigward ta' dan id-dokument il-konvenut Angelic Mifsud ikkummenta illi huwa jismu "Angelic" u mhux "Angelo".

*1998 - Il-"freight" fl-ammont ta' Lm8,750 (u l-allegata retroxena)*

**47.** L-attur George Zammit xehed illi għadda ż-żmien iżda hu u Attard baqgħu ma tħallsux tal-£85,000 li kull wieħed minnhom allegatament kien sellef lill-aħwa Mifsud, u spjega li "*fil-bidu tal-2000*" Angelic Mifsud kien qallu li kien se jixtri merkanzija konsistenti f'*satellite communications equipment* mingħand Clutterbuck Marine Ltd u li hu u Attard kienu ser jitħallsu mill-bejgħ tagħhom. Kompla jgħid illi Angelic Mifsud pero` kien spjegalu li hu u ħuh ma kellhomx biżżejjed flus biex iħallsu l-*freight* ta' tali konsenja u għalhekk Angelic ried jissellef is-somma ta' Lm8,750. Spjega li huwa fil-fatt sellef tali ammont, u kontra dan l-ammont Angelic Mifsud taħ ċekk *post dated* (li ma ssarrafx) u ġie ritornat bil-kumment "*refer to drawer*" u dan imbagħad ġie sostitwit b'żewġ kambjali, li ma tħallsux. (Dawn il-kambjali fil-fatt jifformaw il-

mertu tal-kawża 2476/00/LSO fuq imsemmija li preżentement għadha *sub judice*).

**48.** Jiġi ppreċiżat illi għalkemm Zammit xehed li dan l-episodju seħħ "*fil-bidu tal-2000*", iż-żewġ kambjali (kull waħda fl-ammont ta' Lm4,375) fil-fatt inħarġu fuq isem Angelo Mifsud fit-22 ta' Jannar 1998 u l-iskadenza tagħhom hija 15 ta' Ġunju 1998 u 15 ta' Lulju 1998 rispettivament.[15]

**49.** Issa skont id-dokumenti Dok GZ7 u GZ8[16] bil-*letterhead* ta' Clutterbuck Marine Ltd, esebiti mill-attur, jirriżulta li fit-23 ta' Diċembru 1997 sar bejgħ ta' *Satellite Communication Systems* lil Power Centre Ltd fl-ammont ta' £785,700 u li sa Marzu 1999 kien fadal bilanċ ta' £104,976. (Zammit xehed li dawn id-dokumenti kien tahomlu Angelic Mifsud, fatt negat mill-istess Angelic Mifsud). Meta Philip John Wardrop tela' jixhed fis-27 ta' Mejju 2010[17] huwa spjega li għalkemm kien sar direttur tas-soċjeta` Clutterbuck Marine Ltd f'April 1999[18] huwa ra l-*accounts* tal-kumpanija. Qal li sa fejn kien jaf hu ma rriżultalux li kien hemm xi relazzjoni kummerċjali bejn Clutterbuck Marine Ltd u Power Centre Ltd.  Mistoqsi jekk kienx hemm xi "dealings" invece bejn Angelic jew Jesmond Mifsud, irrisponda li kien hemm xi ħaġa fil-passat iżda ma

[15] Ara kopja tal-kambjali, fol 40
[16] fol 38-39.
[17] Xhieda ta' Philip John Wardrob tas-27.05.2010, fol 620 et seq
[18] Saż-żmien tax-xiehda tiegħu is-soċjeta` Cluttleback Marine Ltd kienet għalqet, fil-fatt skont id-dokument Dok PWJ5, a fol 624-625, il-kumpanija g]iet "struck off" u "dissolved" f' Jannar 2001.

kienx a konoxxenza tagħhom peress li seħħew qabel ma sar direttur hu. Dwar l-ammonti msemmija fid-dokumenti GZ7 u GZ8 ma rriżultawlux.

**50.** Angelic Mifsud qal illi ma jafx kif tali dokumenti spiċċaw għand l-attur u kif ingħad, innega li kien hu li għaddihomlu. Kontro-eżaminat[19] Angelic Mifsud ġie mistoqsi kif skont Dok GZ8 is-soċjeta` Power Centre Ltd xtrat b'£785,700 meta dan l-ammont ma jirriżultax fl-*audited accounts* tal-kumpanija. Huwa wieġeb li dawk id-dokumenti qatt ma eżistew. Spjega li għalkemm preċedentement xehed (in kontro-eżami ukoll[20]) illi s-soċjeta` Power Centre fil-fatt ħallset l-ammont ta' £785,700, dak kien qalu fuq dak li kienu wrewh dakinhar tal-kontro-eżami u aċċenna għall-fatt li dak kien fil-fatt staqsa lid-difensur tal-atturi kif tali dokumenti ġew f'idejhom.[21] Enfasizza illi l-ewwel darba li ra tali dokumenti kien proprju fil-qorti. Spjega li sussegwentement kien ivverifika l-*audited accounts* tal-kumpanija tiegħu u staqsa lil Marine Clutterbuck Ltd jekk fil-fatt kellhiex tieħu tali ammonti u rriżulta li ma kienx hemm tali ammonti (kif fil-fatt xehed Wardrop).

*1999 - Il-landing charges fl-ammont ta' Lm2,496*

---

[19] Kontro-eżami ta' Angelic Misfud tas-06.11.2006, fol 370 et seq
[20] Kontro-eżami ta' Angelic Mifsud tas-17.06.2005, fol 166 et seq
[21] "*Xhud: L-ewwelnett nixtieq inkun naf kif dawn iż-żewġ dokumenti ġew f' idejkom. Domanda: Issa dik mhix biċċa tiegħek*"

**51.** Zammit qal ukoll li wara li ħallas il-*freight* fir-rigward tal-konsenja msemmija, Angelic Mifsud (hawnhekk isemmi lil Angelic Mifsud biss) talbu jħallsu wkoll il-*landing charges* relattivi fl-ammont ta' Lm2,496 u li għalhekk huwa ħariġlu ċekk f'ismu (A Mifsud) għal dan l-ammont. Dan iċ-ċekk jidher li huwa datat 26 ta' Marzu 1999.[22] Qal li kontra dan iċ-ċekk Mifsud kien tah ċekk fl-istess ammont li pero` baqa' ma ssarrafx. Tali ċekk huwa datat 10 ta' April 1999[23] u huwa fil-fatt maħruġ mis-soċjeta` Power Centre Ltd.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:</u>**

**52.** Mis-suespost, u fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li m'humhiex il-leġittimi kontraditturi (li huwa fil-fatt is-suġġett tat-tmien aggravju) din il-qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*Iż-żewġt aħwa Mifsud huma sħab fin-negozju:*

**53.** L-atturi *pro et nomine* qed isostnu li l-allegat self mertu tal-kawża odjerna sar liż-żewġt aħwa Angelic u Jesmond Mifsud. Tant hu hekk li ħarrku liż-żewġt aħwa Mifsud (u n-nisa tagħhom) fil-kawża, u mhux lil Angelic Mifsud u lil martu biss (kif għamel George Zammit *proprio* fiż-żewġ kawżi l-oħra fuq imsemmija).

---

[22] Ara ċekk a fol 41
[23] Ara ċekk a fol 42

**54.** Issa kif xehed l-attur stess, l-aħwa Angelic u Jesmond Mifsud kienu fil-fatt sħab fin-negozju – u cioe` fil-kumpanija Fleet Marine Electronics Ltd (li wara biddlet isimha għal Power Centre (Malta) Ltd, imbagħad għal Zachrome Ltd.).

**55.** Il-każ odjern si tratta ta' self li allegatament sar mhux biss lil Angelic Mifsud iżda lil ħuh Jesmond Mifsud ukoll.

**56.** Il-konvenut Jesmond Mifsud, fl-affidavit tiegħu spjega li l-professjoni tiegħu hija dik ta' Pilot u enfasizza li huwa mhux negozjant "*u <u>personalment</u> qatt m'għamilt business ma' ħadd*" (enfasi ta' din il-qorti).

*In-negozju tal-aħwa Mifsud jirrigwarda l-istess ġeneru ta' xogħol mertu tal-kuntratt li fir-rigward tiegħu allegatament sar is-self ta' £85,000*

**57.** Il-verżjoni ta' Zammit hi l-ammont li huwa allegatament sellef lill-aħwa Mifsud kien intiż sabiex huma jirnexxilhom jottjenu definittivament kuntratt għall-esportazzjoni ta' apparat marittimu, inkluż "*satellite equipment*" lejn il-Libja. Issa l-kumpanija tal-aħwa Mifsud, oriġinarjament bl-isem Fleet Marine Electronics Ltd, imbagħad bl-isem Power Centre (Malta) Ltd, u sussegwentement bl-isem Zachrome Ltd,

tinnegozja proprju f'dan il-ġeneru ta' negozju. Dan il-fatt Zammit kien jafu sew: fil-fatt l-ewwel darba li huwa għamel negozju mal-aħwa Mifsud kien meta xtara *bridge equipment* sħih ta' vapur, konsistenti f'*satellite communication equipment, VHF radio transmitters* eċċetra. Hu stess xehed li xtara tali equipment mingħand is-soċjeta` tal-aħwa Mifsud.

*Iċ-ċirkostanzi tal-ewwel "self" ta' Lm23,650 li għamel George Zammit huma tali li l-istess George Zammit kellu jkun jaf li tali "self" kien għas-soċjeta` Power Centre Ltd u mhux għall-aħwa Mifsud personalment*

**58.** Kif fuq spjegat, fir-rigward tas-somma ta' Lm23,650 li Zammit għadda lill-aħwa Mifsud permezz ta' ċekk datat 7 ta' Ottubru 1997 (intestat fuq "A. Mifsud"), Zammit ingħata ċekk *post-dated* fl-ammont ta' Lm24,500 li pero` inħareġ minn Power Centre Ltd u mhux minn Angelic Mifsud. (Għalkemm skont Angelic Mifsud is-somma avvanzata minn Zammit kienet fir-rigward tal-ispejjeż tal-konsenja tal-apparat marittimu li huwa ried iġib Malta għall-bastiment tiegħu, skont Zammit, invece, is-somma kienet tirrigwarda self relatat mal-kuntratt tal-Libja, bħal ma fil-fatt hija l-kawża odjerna).

**59.** Issa għalkemm huwa risaput illi ċekk huwa *document of title* fih innifsu, u li l-preżunzjoni hi li l-pagament ikun sar lill-persuna indikata fuq l-istess ċekk, f'dan il-każ hemm ċirkostanzi li jimmilitaw wisq lejn il-

kuntrarju, u cioe` li l-pagament fil-fatt ma sarx lil Angelic Mifsud personalment, (anke jekk issarraf minnu personalment ġia ladarba ċ-ċekk kien intestat fuq ismu) iżda lill-kumpanija tiegħu u ta' ħuh. Dan qed jingħad partikolarment minħabba l-fatt li skont l-attur, is-"self" ta' Lm23,650 kien qed jingħata fuq talba taż-żewġt aħwa Mifsud u mhux ta' Angelic biss, u kif ingħad, l-attur kien konsapevoli tal-fatt li l-aħwa Mifsud flimkien kienu sħab fil-kumpanija Power Centre Ltd. In oltre l-iskop tas-self, dejjem skont Zammit, kien biex l-aħwa Mifsud jirbħu kuntratt rigwardanti negozju tal-istess ġeneru ta' dak tas-soċjeta` Power Centre Ltd.

*Iċ-ċirkostanzi tat-tieni "self" li għamlet Donnington Shipping Travel meta ttrasferiet is-somma ta' £85,000 fil-kont tal-Barclays huma tali li George Zammit kellu jkun jaf li tali "self" kien għas-soċjeta` Power Centre Ltd u mhux għall-aħwa Mifsud personalment*

**60.** Issa ladarba għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafu preċedenti din il-qorti hija tal-fehma li Zammit kellu jkun jaf li s-somma ta' Lm23,650 li huwa kien avvanza lil Angelic Mifsud (skont hu bħala self fir-rigward tal-kuntratt tal-Libja) kienet fil-fatt qed tiġi avvanzata lis-soċjeta` Power Centre Ltd, hekk ukoll kellu jkun jaf li s-somma ta' £85,000 trasferita mis-soċjeta` tiegħu Donnington Shipping Ltd lill-kont tal-Barclays allegatament indikat lilu minn Mifsud, (ukoll, skont hu, bħala self fir-

rigward tal-kuntratt tal-Libja) kienet ukoll qed tiġi avvanzata lis-soċjeta` Power Centre Ltd. Dan qed jingħad għaliex l-istess attur qed isostni li f'dan il-każ ukoll kienu ż-żewġt aħwa Mifsud li kienu reġgħu avviċinawh għat-tieni self (u cioe` l-£85,000) biex ikunu jistgħu jirbħu definittivament il-kuntratt tal-Libja.

*L-iskrittura Dok GZ3 li tagħmel riferenza għall-ammont ta' £85,000 mertu tal-kawża odjerna*

**61.** In linea sussidjarja, jiġi osservat illi l-attur *proprio et nomine* ippreżenta l-iskrittura Dok GZ3 biex juri li verament kien ittrasferixxa l-ammont ta' £85,000 lill-aħwa Mifsud. Huwa sostna li din l-iskrittura kien għaddihielu Angelic Mifsud proprju biex jurih li l-flus li hu u Bart Attard kienu ttrasferew kienu ser jiġu ritornati lura lilhom in vista tal-fatt li hu u Attard kien reġa' bdielhom u riedu flushom lura.

**62.** Din il-qorti ma tistax ma tikkummentax illi l-iskrittura tqajjem ħafna dubji dwar l-awtentiċità tagħha:

- Hemm il-kwistjoni tal-isem ta' Angelic Mifsud (li fuq l-iskrittura huwa indikat bħala Angelo) u li skont Angelic "Angelo" mhux ismu;

- Hemm il-fatt li skont l-affidavit tal-attur George Zammit din saret wara li kien sar it-trasferiment tal-£85,000, u allura wara l-14 ta' Ottubru 1997, meta suppost kien diġa tħallas lura l-ammont ta' Lm24,500 li allegatament kien sellef lill-aħwa Zammit fis-7 ta' Ottubru 1997 fir-rigward tal-kuntratt tal-Libja (fil-fatt mid-dokumenti tal-bank jidher li kien iddepożita ċ-ċekk ta' Lm24,500 maħruġ minn Power Centre Ltd fil-15 ta' Ottubru 1997). Iżda skont l-istess skrittura Dok GZ3 l-ammont ta' Lm24,500[24] kien għadu ma tħallasx;

- Fil-kontro-eżami tiegħu Angelic Mifsud qal li d-dokument GZ3 raħ l-ewwel darba fil-qorti;

- Angelic Mifsud qal ukoll li Il-kont tas-soċjeta` Power Centre Ltd fil-fatt huwa 472335200 (fil-fatt mid-dokumenti tal-bank jirriżulta li hekk hu) u mhux 478002092 kif indikat fuq id-Dok GZ3, u sostna li tali kont mhux tiegħu.

**63.** Madanakollu, ma jistax jiġi injorat il-fatt illi dan id-dokument kien f'idejn George Zammit u ġie esebit minnu saħansitra mar-rikors ġuramentat (f'dak l-istadju kien immarkat bħala Dok D[25]). Fuq dan id-dokument hemm dikjarat illi Angelic Mifsud in rappreżentanza tas-soċjeta` Power Centre Ltd u Dr Idris Baba ftehmu *inter alia* illi kellha tiġi

[24] erronjament indikat fuq l-iskrittura bħala Lm25,000, kif fil-fatt Zammit kien irrefera għall-ammont fl-affidavit tiegħu (li imbagħad ikkoreġih fil-kontro-eżami tiegħu)
[25] Dok D, fol 9

ritornata lis-soċjeta` Power Centre Ltd is-somma ta' £85,000 (mertu ta' din il-kawża). Dan id-dokument jindika li kwalsiasi negozju rigwardanti kuntratt għall-esportazzjoni ta' apparat marittimu lejn il-Libja li setgħu għamlu l-aħwa Mifsud, għamluh tramite s-soċjeta` Power Centre Ltd u mhux personalment.

**64.** Għalkemm din il-qorti qed tagħmilha ċara li mhux qegħda tagħti piż lil dan id-dokument għall-finijiet tal-kwistjoni dwar jekk sar jew ma sarx is-self allegat mill-atturi *pro et nomine*, ma tistax ma tikkummentax illi anke abbażi ta' dan id-dokument (li spiċċa fil-pussess ta' Zammit) kellu jkun evidenti għalih li s-somma ta' £85,000 li ġew trasferiti mill-kont tas-soċjeta` tiegħu Donnington Shipping Ltd għall-kont tal-Barclays fl-Ingilterra ma kinitx għall-aħwa Mifsud personalment, iżda madanakollu l-kawża għażel li jistitwiha kontrihom personalment, u allura kif qalet l-ewwel Qorti jkun eżerċizzju inutli li "*tgħarbel ir-rwol li seta' kellha l-kumpanija f'dak kollu li għadda jew seta' għadda bejn il-partijiet*".

**65.** Għal dawn il-motivi, it-tmien aggravju jirriżulta infondat. Din il-qorti taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti illi la l-konvenuti aħwa Mifsud, u lanqas in-nisa tagħhom bħala ko-parteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti, ma jista' jitqiesu li huma l-leġittimi kontradditturi f'din l-azzjoni. Fiċ-ċirkostanzi mhux il-każ li jitqiesu l-aggravji l-oħra.

**Decide**

**66.** Għalhekk din il-qorti tiċħad l-appell interpost mill-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu qiegħda tiċħad it-talba tal-atturi. Jiġi ppreċiżat pero` illi din il-qorti qegħda tilqa' biss l-ewwel eċċezzjoni, u cioe` li l-konvenuti m'humhiex il-leġittimi kontradditturi f'din l-istanza, u konsegwentement hi tal-fehma li ma huwiex il-każ li tippronunzja ruħha fuq ir-rimanenti eċċezzjonijiet.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb